Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0111

Rapport interim dwar il-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali għall-2028-2034

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034 (COM(2025)0571 – C10-0000/2025 – 2025/0571R(APP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 285, 287, 311, 312, 323 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 bit-titolu "Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034" (COM(2025)0570),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034 (COM(2025)0571),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 (COM(2025)0574),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (COM(2025)0572),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2025 dwar baġit imġedded fit-tul għall-Unjoni f'dinja li qed tinbidel[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2025 dwar ir-rwol tal-investiment tal-politika ta' koeżjoni fis-soluzzjoni tal-

[1] ĠU C, C/2026/575, 24.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/575/oj.

kriżi attwali tal-akkomodazzjoni[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2026 dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2025[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt)[5],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-10 ta' April 2024 ta' Enrico Letta intitolat "Much More than a Market" (Ħafna aktar minn sempliċi suq (ir-rapport Letta)),

– wara li kkunsidra r-rapport tad-9 ta' Settembru 2024 ta' Mario Draghi bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-rapport Draghi),

– wara li kkunsidra r-rapport tat-30 ta' Ottubru 2024 ta' Sauli Niinistö bit-titolu "Safer together – strengthening Europe's civilian and military preparedness and readiness" (Aktar Sikuri Flimkien – It-Tisħiħ tal-Preparatezza u l-Prontezza Ċivili u Militari tal-Ewropa) (ir-rapport Niinistö),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2026 dwar ir-reġjuni tal-Lvant li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna – Reġjuni b'saħħithom għal Ewropa sikura COM(2026)0082,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej, il-politiki relatati fis-seħħ u l-pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni relatati mal-appoġġ speċifiku għal dawk ir-reġjuni, inkluż fil-qasam tal-agrikoltura,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2025 intitolata "Boxxla Kulturali għall-Ewropa" (COM(2025)0785),

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

---

2 ĠU C, C/2026/1474, 9.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/1474/oj.
3 Testi adottati, P10_TA(2026)0013.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
5 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

Ewropew tat-22 ta’ Jannar 2026 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034,

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta’ Jannar 2026 dwar il-proposta tal-2025 dwar ir-riżorsi proprji,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-15 ta’ Ottubru 2025 dwar il-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-4 ta’ Marzu 2026 bit-titolu “Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) wara l-2027, inkluż il-pakkett tar-riżorsi proprji”,

– wara li kkunsidra r-rapporti rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali,

– wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP 15) f’Montreal fid-19 ta’ Diċembru 2022 (il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta’ Kunming-Montreal),

– wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP 21) f’Pariġi fit-12 ta’ Diċembru 2015 (il-Ftehim ta’ Pariġi),

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabbiltà,

– wara li kkunsidra l-laqgħa(t) bejn il-Presidenti skont l-Artikolu 324 tat-TFUE,

– wara li kkunsidra l-ittra tas-6 ta’ Jannar 2026 mingħand il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, lill-President ta’ Ċipru, Nikos Christodoulides, bħala d-detentur tal-presidenza b’rotazzjoni tal-Kunsill, u lill-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, dwar il-politika agrikola komuni fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(5) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għall-Baġits (A10-0105/2026),

A. billi, skont l-Artikolu 311 tat-TFUE, l-Unjoni jeħtiġilha tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha;

B. billi l-QFP attwali malajr wera l-inadegwatezza tiegħu biex jirrispondi

għal serje ta’ kriżijiet, l-inflazzjoni u sfidi politiċi ġodda li ma kinux ġew antiċipati, u ma setgħux jiġu antiċipati, fil-mument tal-adozzjoni tiegħu; billi, bl-għan li jiġi żgurat il-finanzjament meħtieġ, il-QFP iġġebbed sal-limiti tiegħu, inkluż rikors bla preċedent għad-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà u għall-istrumenti speċjali, wara li ntużaw għalkollox il-marġnijiet disponibbli kif ukoll diversi emendi għall-QFP; billi dawn l-għodod mhumiex maħsuba biex jintużaw bħala sostituti għall-ippjanar baġitarju sod fit-tul; billi dan wassal biex programmi bħall-politika ta’ koeżjoni jintużaw ripetutament biex iwieġbu għall-emerġenzi, u b’hekk kien diffiċli li jintlaħqu l-objettivi fit-tul inizjali tagħhom;

C. billi r-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-QFP maqbula fl-2024 uriet li huwa imperattiv li jiġu indirizzati il-prijoritajiet u l-isfidi emerġenti, u billi n-nuqqas ta’ riżorsi għadhom qed idgħajfu l-QFP attwali sal-lum;

D. billi l-istabbiliment tal-QFP il-ġdid se jkun mument kruċjali għall-Unjoni, peress li se jipprovdi l-possibbiltà li tiġi approvata viżjoni komuni u li tittieħed deċiżjoni dwar il-prijoritajiet politiċi futuri kif ukoll dwar il-kapaċità tal-Unjoni li timplimentahom; billi l-finanzjament ta’ prijoritajiet ġodda u prijoritajiet tradizzjonali għandu jkun ibbilanċjat sabiex jiġu ssalvagwardjati l-politiki komuni tal-Unjoni li fuqhom huwa bbażat il-proġett politiku tagħha; billi l-QFP li jmiss għandu jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà;

E. billi l-ambjent globali huwa kkaratterizzat minn tensjonijiet ġeopolitiċi, volatilità ekonomika, riskji għas-sigurtà tal-enerġija, diżastri relatati mal-klima u theddid għas-sigurtà li qed jevolvi, inkluż ir-ritorn ta’ gwerra b’livell għoli ta’ intensità fil-viċinat tal-UE, li jenfasizza l-ħtieġa ta’ baġit tal-UE li jkun kapaċi jadatta kemm għax-xokkijiet interni kif ukoll dawk esterni, b’mod partikolari permezz ta’ investiment fl-industrija, it-tranżizzjoni doppja, il-konnettività u l-infrastruttura, kif ukoll il-preparatezza u l-protezzjoni ċivili u l-investiment fil-politiki soċjali;

F. billi l-QFP li jmiss irid jiggarantixxi li l-baġit tal-UE jkompli jkun għodda ta’ investiment u jibqa’ ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet tal-poplu tagħna u fl-appoġġ għall-kumpaniji Ewropej, b’mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs);

G. billi l-politiki fit-tul tal-UE koperti fl-ambitu tal-proposta dwar il-pjanijiet ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali (PSNR) huma politiki ewlenin tal-proġett Ewropew u jikkontribwixxu għar-reżiljenza, il-koeżjoni, il-konverġenza u l-awtonomija tal-Unjoni Ewropea filwaqt li huma ċentrali għas-sigurtà u s-sovranità tagħha fil-kuntest internazzjonali attwali kif ukoll għall-istabbiltà ekonomika, soċjali u territorjali tagħha u għall-objettivi ta’ sostenibbiltà tagħha;

H. billi l-Unjoni qed tħabbat wiċċha ma’ distakk dejjem akbar fil-kompetittività f’realtà ġeopolitika u ekonomika li qed tinbidel, u dan idgħajjef il-produttività fit-tul, l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza

tagħha u l-kapaċità tagħha li taġixxi; billi l-Unjoni jeħtiġilha ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċità ta' investiment tagħha biex tikkompeti globalment;

I. billi r-realtajiet teknoloġiċi ġodda għandhom jiġu appoġġjati b'mod adegwat fil-QFP li jmiss;

J. billi fid-dawl tat-tnaqqis drastiku fil-baġit tal-USAID, il-baġit tal-UE jrid jirrispetta r-rwol tal-Unjoni bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja ta' għajnuna għall-iżvilupp u ta' finanzjament għall-klima, f'konformità mal-obbligi u l-impenji globali tal-Unjoni;

K. billi l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi; billi l-ksur ta' dawk il-valuri jdgħajjef il-koeżjoni tal-Unjoni, inaqqar d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u jdgħajjef il-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri;

L. billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

M. billi l-Kummissjoni tistma li l-investiment addizzjonali meħtieġ biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 huwa ta' 1,5 % tal-prodott domestiku gross fis-sena meta mqabbel mal-għaxar snin 2011-2020 u l-baġit tal-UE ma jistax ikopri din id-diskrepanza waħdu; billi t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u l-kriżi tat-tniġġis joħolqu kostijiet kbar għas-saħħa u għall-ekonomija; billi huwa essenzjali li l-UE tinvesti fi programmi b'objettivi klimatiċi u ambjentali;

N. billi, skont l-Artikolu 191 tat-TFUE, il-politika tal-UE dwar l-ambjent trid tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni;

O. billi skont l-Artikolu 349 tat-TFUE, l-Unjoni jeħtiġilha tappoġġja lir-reġjuni ultraperiferiċi; billi l-programm ta' għażliet relatati speċifikament mal-periferiċità u l-insularità (POSEI) wera li huwa importanti f'dan ir-rigward;

P. billi jibqa' d-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu t-taħlita tal-enerġija tagħhom;

Q. billi l-Patt għall-Mediterran huwa qafas komprensiv tal-UE maħsub biex isaħħaħ sħubijiet strutturati u dejjiema mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran;

R. billi skont il-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru, l-applikazzjoni tal-acquis tal-UE huwa sospiż f'dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv. billi għal għexieren ta' snin, din is-sitwazzjoni eċċezzjonali żammet lis-sidien legali tal-art milli jaċċessaw, jużaw u jgawdu l-proprjetajiet tagħhom; billi d-dritt għall-proprjetà huwa mħares taħt l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

S. billi l-pagamenti marbuta man-Next Generation EU kellhom impatt sinifikanti fuq il-proċedura baġitarja annwali fl-ambitu tal-QFP attwali minħabba l-fatt li l-kostijiet tas-self ma kinux maħsuba biex jiġu koperti lil hinn mil-limiti massimi kif kien ippropona l-Parlament; billi l-ħlas lura tan-Next Generation EU se jolqot il-QFP li jmiss, għax jinvolvi l-ħlas lura kemm tal-imgħax kif ukoll tal-kapital;

T. billi fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat sett ta' proposti dwar ir-Regolament dwar il-QFP 2028-2034 u d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-UE, segwiti minn proposti leġiżlattivi għall-istabbiliment ta' programmi, fondi u strumenti ġodda tal-UE;

1. Jissottolinja li l-QFP li jmiss irid jgħammar lill-Unjoni bil-mezzi finanzjarji meħtieġa biex twieġeb għal ambjent ġeopolitiku, ekonomiku u soċjali li qed jevolvi b'rata mgħaġġla, u fl-istess ħin twettaq kemm il-politiki li ilhom jeżistu kif ukoll il-prijoritajiet emerġenti; jinsisti li l-baġit tal-UE jrid jibqa' baġit ta' investiment li jkun kapaċi jappoġġja liċ-ċittadini, lir-reġjuni u lin-negozji, b'mod partikolari lill-SMEs, filwaqt li jsaħħaħ ir-reżiljenza, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni;

2. Jitlob li l-QFP 2028-2034 jiġi stabbilit għal 1,27 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE, filwaqt li s-servizz tad-dejn tan-Next Generation EU – ekwivalenti għal 0,11 % addizzjonali tal-ING tal-UE – għandu jiġi eskluż mill-1,27 % u jitqies lil hinn mil-limiti massimi; itenni li l-QFP li jmiss irid ikun aktar ambizzjuż fid-daqs, peress li l-livell attwali ta' finanzjament ma jaqbilx mal-ambizzjonijiet politiċi tal-Unjoni, u jrid jiġi protett mix-xokkijiet inflazzjonarji; jenfasizza li dan il-livell jikkostitwixxi l-minimu meħtieġ biex jippermetti lill-Unjoni twettaq l-impenji tagħha tat-Trattati, twieġeb għall-aspettattivi taċ-ċittadini, u tindirizza l-isfidi l-kbar, inkluż ir-ritorn ta' gwerra fuq skala kbira fil-viċinat tal-UE, theddid għas-sigurtà li qed jevolvi, sfond ekonomiku u soċjali diffiċli ħafna, distakk fil-kompetittività u l-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità li sejrin għall-agħar;

3. Jopponi bil-qawwa kwalunkwe approċċ li jwassal għall-frammentazzjoni tas-suq uniku jew għan-nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-baġit tal-UE u jirrifjuta bil-qawwa kwalunkwe pass lejn Unjoni "à la carte"; iqis li l-approċċ tal-Kummissjoni ta' "pjan wieħed għal kull Stat Membru" idgħajjef il-politiki tal-UE minquxa fit-Trattati, joħloq kompetizzjoni bla bżonn bejn il-benefiċjarji, jipperikola d-dimensjoni Ewropea tal-infiq, idgħajjef il-governanza f'diversi livelli, jisfida l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, u jnaqqas it-trasparenza;

4. Jitlob żieda fil-pakkett għall-intestatura 1 biex tal-anqas, il-finanzjament jinżamm fil-livell tal-QFP attwali; jappella, għaldaqstant, għal finanzjament b'saħħtu, distint u adegwat għall-politika agrikola komuni (PAK), il-politika komuni tas-sajd, il-politika ta' koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew u l-affarijiet interni; jinsisti,

f’dan il-kuntest, li l-ammonti mhux delimitati taħt il-PSNR jiġu allokati kollha għal dawn il-politiki, u b’hekk tiġi żgurata prevedibbiltà akbar għall-benefiċjarji finali; itenni l-ħtieġa li jinżammu r-regoli u qafas ta’ implimentazzjoni orizzontali għal dawn il-politiki, inkluż il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt, sabiex tiġi żgurata l-koerenza u tiġi evitata l-frammentazzjoni; jappella għall-istabbiliment ta’ kapitoli reġjonali f’konformità mal-oqfsa istituzzjonali tal-Istati Membri, u għall-involviment sħiħ tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi taħt l-intestatura 1, abbażi tal-prinċipji ta’ ġestjoni kondiviża, governanza f’diversi livelli u sħubija;

5. Jilqa’ t-tisħiħ sinifikanti tal-politiki inklużi fl-intestatura 2, f’konformità mas-sejħiet li l-Parlament ilu jagħmel, tisħiħ li jirrappreżenta rduppjar meta mqabbel mal-perjodu attwali u li se jgħammar aħjar lill-Unjoni biex tirrispondi għall-isfidi futuri f’ambjent globali dejjem aktar imprevedibbli; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-ħila tal-Unjoni li taġixxi f’oqsma strateġiċi ewlenin, inkluż il-kompetittività, id-difiża u s-sigurtà, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-tranżizzjoni doppja, l-infrastruttura, is-saħħa u l-preparatezza għall-kriżijiet, l-edukazzjoni u l-kultura;

6. Jappella, għalhekk, għal tisħiħ adegwat tal-programmi prijoritarji taħt l-intestatura 2, inkluż il-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), Erasmus+, AgoraEU, il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM+), b’allokazzjonijiet għal EU4Health u azzjonijiet relatati mal-programm LIFE fl-ambitu tal-FEK;

7. Jilqa’ ż-żieda fir-riżorsi għall-intestatura 3 bħala sinjal tal-impenn tal-Unjoni biex issaħħaħ ir-rwol tagħha bħala attur globali; iqis, madankollu, li l-livell ta’ finanzjament propost għadu insuffiċjenti meta titqies l-iskala tal-isfidi globali;

8. Jappella, għalhekk, għal tisħiħ adegwat tal-intestatura 3 li jippermetti lill-UE tappoġġja t-tkabbir futur, tindirizza l-ħtiġijiet li qed jiżdiedu relatati mal-iżvilupp, il-kriżijiet umanitarji u l-bini tal-paċi, tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna u lil sħab oħra, u tiddefendi l-valuri tal-Unjoni, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja filwaqt li ssaħħaħ il-multilateraliżmu; jinsisti li l-għajnuna umanitarja trid tkompli tiġi delimitata, implimentata permezz ta’ qafas koerenti b’linja bażi annwali b’riżorsi adegwati; jappella għal tisħiħ tal-pakkett għall-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej, filwaqt li jitqies it-theddid reċenti għall-integrità territorjali ta’ Greenland u l-kuntest ġeopolitiku usa’;

9. Jissottolinja li l-QFP li jmiss irid jiffoka fuq il-finanzjament tal-beni pubbliċi Ewropej b’valur miżjud viżibbli meta mqabbel mal-infiq nazzjonali, bħall-proġetti transfruntiera; ifakkar li ċ-ċittadini u n-negozji Ewropej qed jitolbu li l-UE tieħu azzjoni; jappella għal

investiment immirat u strateġiku ta’ fondi tal-UE biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom f’oqsma ta’ prijorità bħall-akkomodazzjoni, l-enerġija u s-sigurtà;

10. Jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni għal Strument ta’ Flessibbiltà msaħħaħ u jitlob li dan jiġi ssupplimentat b’sorsi addizzjonali inkluż il-marġnijiet mhux minfuqa u r-rimborżi minn strumenti finanzjarji, mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi għas-settur; jitlob li tiġi mobilizzata riżerva ta’ solidarjetà ddedikata għad-diżastri naturali lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP bħala l-aħħar alternattiva biex jiġi ffinanzjat ir-rispons tal-Unjoni għal ħtiġijiet speċifiċi fi ħdan l-UE wara ħsara kkawżata minn diżastri naturali;

11. Jesprimi tħassib serju li l-proposti tal-Kummissjoni jittrasferixxu deċiżjonijiet politiċi u baġitarji ewlenin għall-programmi ta’ ħidma tal-Kummissjoni adottati mingħajr involviment koleġiżlattiv; jinsisti li l-għażliet tal-politiki sostantivi kollha jridu jiġu ddeterminati fl-atti bażiċi rilevanti, b’rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Parlament bħala koleġiżlatur u awtorità baġitarja; jenfasizza li s-simplifikazzjoni ma tridx issir għad-detriment tat-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika jew ir-rwol ta’ sorveljanza tal-Parlament; jinsab estremament imħasseb dwar l-użu mifrux ta’ finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għal porzjon sostanzjali ta’ programmi taħt il-QFP li jmiss, u jwissi li mingħajr salvagwardji adegwati dan l-approċċ jinvolvi riskji sostanzjali u jdgħajjef il-possibbiltà ta’ awditjar;

12. Jissottolinja li l-konformità mal-valuri u tal-Unjoni u l-istat ta’ dritt hija prerekwiżit essenzjali għal aċċess għall-fondi tal-UE; jisħaq fuq l-importanza ta’ sett ta’ għodod tal-valuri tal-Unjoni koerenti u bla xkiel li jkopri d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-baġit kollu tal-UE; jinsisti fuq approċċ robust biex jiġi żgurat li r-riċevituri finali leġittimi ma jiġux penalizzati għall-ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet tagħhom;

13. Itenni bil-qawwa l-ħtieġa kruċjali ta’ dħul sostenibbli, prevedibbli u reżiljenti għall-baġit tal-UE skont l-Artikolu 310 tat-TFUE li għandu jaqbel man-naħa tan-nefqa u l-prijoritajiet strateġiċi u l-ħtiġijiet ta’ finanzjament identifikati tal-UE; jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-Parlament għall-introduzzjoni ta’ riżorsi proprji ġodda, mhux biss għall-ħlas lura tad-dejn tan-Next Generation EU iżda wkoll biex jiffinanzja l-ambizzjonijiet tal-politika mtejba tal-Unjoni; jilqa’ l-isforzi tal-Kummissjoni biex tidentifika riżorsi proprji ġodda, u biex tressaq ċerti kalibrazzjonijiet għar-riżorsi proprji tradizzjonali; jappoġġja l-approċċ ta’ “basket” usa’ propost mill-Kummissjoni u jistieden lill-Kunsill jiżblokka l-istaġnar osservat mill-2020 fuq basket ta’ riżorsi proprji ġenwini ġodda biex jintlaħaq livell ta’ dħul ta’ mill-inqas EUR 60 biljun fis-sena; jissottolinja l-importanza tal-proposta tal-Kummissjoni għal tip ġdid ta’ mekkaniżmu għall-kriżijiet li jista’ joffri lill-Unjoni l-ħila li twieġeb malajr għal żviluppi mhux mistennija; jissottolinja li l-Parlament se japprova biss baġit fit-tul, inkluż in-naħa tad-dħul, li jkun adattat għall-iskop tiegħu għall-Unjoni f’dinja li qed

tinbidel;

14. Iqis li l-pożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-rapport interim jikkostitwixxu l-mandat tal-Parlament għan-negozjati tal-QFP u għandhom jitqiesu mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 312(5) tat-TFUE sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tal-Parlament; jinsab lest li jaħdem b'mod kostruttiv u jinvolvi ruħu f'negozjati b'sinifikat mal-Kunsill biex jimplimenta baġit fit-tul li jindirizza l-ħtiġijiet tal-Unjoni; jappella għal ilħuq ta' ftehim bejn l-istituzzjonijiet sa tmiem l-2026 biex jingħata lok għal adozzjoni rapida tal-QFP u għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' nfiq mill-1 ta' Jannar 2028;

Kwistjonijiet relatati mal-QFP

15. Jitlob li l-Parlament Ewropew ikun involut fl-istadji kollha tal-proċess tal-QFP, kif meħtieġ mit-Trattati fl-Artikolu 312(5) tat-TFUE; iqis li l-Kunsill jeħtieġlu jqis kif xieraq il-pożizzjoni tal-Parlament stabbilita hawnhekk biex jiżgura l-approvazzjoni tal-Parlament f'konformità mal-Artikolu 312 tat-TFUE;

Daqs globali

16. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li, "f'dinja li qed tinbidel malajr fejn innies bir-raġun jistennew aktar mill-Unjoni u fejn l-Unjoni qed tiffaċċja għadd dejjem jikber ta' kriżijiet u sfidi dinjija, il-QFP li jmiss irid ikollu aktar riżorsi meta mqabbel mal-perjodu 2021-2027, filwaqt li jitbiegħed mil-livell storikament restrittiv u impost minnha nnifisha ta' 1 % tal-ING tal-UE"; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni, minflok ma tippreżenta proposta ġenwinament ambizzjuża, taħbi wara ċifra ewlenija ta' EUR 2 triljun fi prezzijiet attwali, li fir-realtà tammonta għal EUR 1,763 triljun biss fi prezzijiet kostanti tal-2025, ugwali għal 1,26 % tal-ING tal-UE, b'0,11 % jiġu allokati għar-ripagamenti tan-Next Generation EU; jiddeplora l-fatt li dan jirriżulta f'żieda simbolika għall-programmi tal-UE ta' anqas minn 0,01 punti perċentwali tal-ING tal-UE, u dan effettivament jiffriża l-baġit f'termini reali; jenfasizza li l-eliminazzjoni gradwali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tkompli tnaqqas b'mod sostanzjali s-setgħa ta' nfiq ġenerali tal-Unjoni; iqis li dan il-livell propost la se jippermetti lill-Unjoni twettaq l-impenji tagħha minquxa fit-Trattati u lanqas se jwieġeb għall-isfidi ġeopolitiċi sinifikanti li ġejjin, inkluż il-kriżi klimatika u tal-bijodiversità li l-aħjar tiġi indirizzata fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll il-kriżi tal-għoli tal-ħajja;

17. Jitlob li l-QFP 2028-2034 jiġi stabbilit għal 1,27 % tal-ING tal-UE, minbarra l-ħlasijiet lura tan-Next Generation EU; iqis li s-servizz tad-dejn tan-Next Generation EU għandu jiġi ttrattat separatament mill-approprjazzjonijiet għall-programmi tal-UE fl-arkitettura futura tal-QFP biex b'hekk l-ammont totali jitla' għal 1,38 % tal-ING tal-UE; jenfasizza li dan il-livell huwa l-minimu assolut biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenji tagħha, twieġeb għall-isfidi ġeopolitiċi u tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha;

18. Jiddispjaċih li l-ħlas lura tan-Next Generation EU kif ippreżentat mill-Kummissjoni jintegra l-pagamenti parzjali annwali taħt il-limiti massimi tal-QFP mill-2028 ’il quddiem; jenfasizza li l-pjan ta’ ħlas lura jrid jiżgura li s-servizz tad-dejn tan-Next Generation EU ma jeskludix l-infiq essenzjali tal-UE jew jikkompromettix l-ħila tal-Unjoni li tindirizza kriżijiet futuri; għaldaqstant ifakkar fil-pożizzjoni li ilu jħaddan li l-approprjazzjonijiet marbuta mal-ħlas lura tan-Next Generation EU għandhom jitqiesu lil hinn mil-limiti massimi;

19. Jappoġġja bil-qawwa l-metodu ta’ aġġustament tekniku propost li jqis l-inflazzjoni reali, li huwa essenzjali biex il-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE tiġi ssalvagwardjata f’perjodi ta’ xokkijiet inflazzjonarji; jilqa’ dan il-mekkaniżmu, li huwa kritiku biex jiġu protetti l-programmi tal-UE sabiex iċ-ċittadini ma jbatux mill-inflazzjoni;

20. Jitlob, f’dan il-kuntest, li jiġi żgurat il-livell ta’ finanzjament għall-programmi u l-politiki tal-UE, kif stabbilit fl-Annessi I u II ta’ din ir-riżoluzzjoni; jitlob li l-limiti massimi rilevanti ta’ impenn u ta’ pagament jiġu aġġustati kif xieraq;

Intestatura 1

21. Jinnota li l-intestatura 1 dwar “Il-mudell soċjali u l-kwalità tal-ħajja tal-Ewropa” hija allokata EUR 797,2 biljun fi prezzijiet tal-2025, wara li ġie eskluż l-ammont previst għall-ħlas lura tan-Next Generation EU, u din tirrappreżenta 45 % tat-total tal-QFP 2028-2034; jesprimi tħassib serju dwar il-fatt li dan huwa tnaqqis meta mqabbel ma’ EUR 810,1 biljun allokati fil-QFP 2021-2027, li ammontaw għal 65 % tat-total; iqis li dan it-tnaqqis sostanzjali huwa inaċċettabbli minħabba l-importanza kritika li jinżammu l-politiki tal-Unjoni li ilhom jeżistu;

22. Jesprimi dispjaċir dwar il-fatt li r-Regolament propost dwar il-PSNR (COM(2025)0558), li jgħaqqad politiki differenti fi pjan wieħed għal kull Stat Membru, jiġġenera inċertezza sinifikanti rigward il-prevedibbiltà tal-finanzjament għall-benefiċjarji finali, joħloq kompetizzjoni bla bżonn għar-riżorsi finanzjarji bejn il-benefiċjarji u l-politiki u jippolitiċizza d-distribuzzjoni tal-fondi tal-UE, filwaqt li jissogra li jiżdiedu l-kumplessità u l-kompromessi bejn il-prijoritajiet; jinsisti li l-approċċ “pjan wieħed għal kull Stat Membru” impliċitament inaqqar id-dimensjoni Ewropea tal-baġit tal-UE u l-objettivi tal-politiki komuni tal-UE, iwassal għal ċentralizzazzjoni eċċessiva li tippreżenta sfida għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jeskludi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lill-partijiet konċernati rilevanti minn rwol b’sinifikat fit-tiswir tal-prijoritajiet, u jdgħajjef il-governanza f’diversi livelli u d-dimensjoni territorjali tal-infiq; iqis li l-ammonti mhux delimitati fl-ambitu tal-PSNR għandhom jiġu allokati kompletament biex joffru prevedibbiltà lill-benefiċjarji finali; iwissi, barra minn hekk, li t-tnaqqis sinifikanti

fil-finanzjament għall-intestatura 1 jhedded ukoll li jdgħajjef il-politiki tal-UE minquxa fit-Trattati u l-objettivi tal-Unjoni li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha, tissalvagwardja l-proċessi demokratiċi tagħha, l-istat tad-dritt u d-drittijiet soċjali, u tiżgura s-sigurtà tal-ikel u livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa u għas-sajjieda kif ukoll ħarsien tal-ambjent u l-bijodiversità; itenni l-ħtieġa li tiġi evitata l-frammentazzjoni u li jinżamm il-qafas ta' implimentazzjoni orizzontali, inkluż regoli u prinċipji ġenerali bħar-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li għandhom japplikaw b'mod uniformi fil-politiki koperti taħt il-PSNR, filwaqt li jiġu żgurati dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni koerenti u konsistenti;

23. Jenfasizza li huwa imperattiv li tinżamm id-dimensjoni Ewropea tal-baġit tal-UE bħala strument fundamentali biex jintlaħqu objettivi komuni, tiġi espressa s-solidarjetà tal-Unjoni u jiġu pprovduti beni pubbliċi Ewropej; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jibqa' s-sinsla finanzjarja li jappoġġja l-approfondiment tal-integrazzjoni tal-Unjoni, jevita l-frammentazzjoni jew in-nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-politiki ewlenin tal-Unjoni, jippromwovi l-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali fir-reġjuni kollha tal-UE, inkluż billi jindirizza r-restrizzjonijiet strutturali persistenti li jolqtu r-reġjuni periferiċi, insulari u ultraperiferiċi, u jiżgura kompetizzjoni ġusta u opportunitajiet indaqs għat-territorji kollha tal-Istati Membri, u b'hekk ħadd u l-ebda reġjun ma jitħalla jibqa' lura; iqis, barra minn hekk, li l-baġit tal-UE għandu jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-għoli tal-ħajja u l-inugwaljanzi li qed jikbru kif ukoll biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità, permezz ta' investimenti f'oqsma ewlenin rilevanti;

24. Jirrifjuta kwalunkwe mossa lejn Ewropa "à la carte" fejn il-parteċipazzjoni differenzjata u taħlita ta' politiki li għandhom objettivi, orizzonti ta' żmien u loġiki tat-twettiq differenti ddgħajjef l-għaqda u l-koerenza tal-politiki u l-programmi tal-UE; jinsab imħasseb ħafna li strument uniku b'diversi saffi ta' objettivi, salvagwardji u rekwiżiti ta' rapportar jista' jżid il-kumplessità, idgħajjef l-obbligu ta' rendikont u jikkompromett l-implimentazzjoni effettiva; iwissi li approċċ bħal dan fejn l-Istati Membri jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni speċifika tal-fondi tal-UE jifframmenta s-suq uniku, joħloq vantaġġi kompetittivi inġusti, u jdgħajjef il-prinċipju tas-solidarjetà li jirfed l-integrazzjoni Ewropea u l-konverġenza 'l fuq;

25. Jappella għal finanzjament separat, suffiċjenti u delimitat b'mod ċar għall-PAK, għall-politika komuni tas-sajd, għall-politika ta' koeżjoni u għall-Fond Soċjali Ewropew biex jissaħħu r-reżiljenza territorjali fit-tul, il-koeżjoni soċjali u l-fiduċja fil-proġett Ewropew kif ukoll il-konverġenza 'l fuq;

26. Jiddeplora t-tnaqqis propost fil-finanzjament għall-PAK ta' wara l-2027; jitlob li fil-QFP li jmiss jiġi delimitat baġit iddedikat u robust għall-PAK b'ammont ta' EUR 433,01 biljun fi prezzijiet attwali

(ekwivalenti għal EUR 385,12 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sovranità tal-ikel, il-kompetittività u standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa, u biex ikunu jistgħu jagħmlu tranżizzjoni lejn prattiki aktar sostenibbli, inkluż il-ġestjoni sostenibbli tal-art u tal-ilma; jappella għal xibka ta' sikurezza tal-unità msaħħa, responsabbli u aktar aġli fl-ambitu tal-qafas orizzontali tal-PSNR; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi ppreservata għalkollox l-integrità tas-suq intern u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa fl-Istati Membri differenti; jappella li jitkomplew u jissaħħu l-miżuri li jiggarantixxu l-vijabbiltà taż-żoni rurali, anke permezz tal-LEADER u tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità; jissottolinja li l-indirizzar tal-isfidi klimatiċi, ambjentali, tat-telf tal-bijodiversità u oħrajn li jolqtu ż-żoni rurali, is-settur agrikolu u s-sigurtà tal-ikel jikkontribwixxi għall-vijabbiltà ekonomika u l-kompetittività tas-settur u taż-żoni rurali u għall-istabbiltà fit-tul tal-produzzjoni agrikola; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-investimenti mfassla apposta, inkluż dawk li jrawmu l-inklużjoni soċjali li jagħmlu l-agrikoltura aktar attraenti għaż-żgħażagħ, għan-nisa u għall-bdiewa ġodda;

27. Jiddispjaċih dwar it-tnaqqis sinifikanti fil-baġit kif ukoll id-diffużjoni tal-finanzjament għas-sajd f'diversi intestaturi baġitarji; jitlob assigurazzjonijiet li l-allokazzjoni delimitata għas-sajd u l-akkwakultura fil-QFP tammonta għal mill-inqas EUR 7,29 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 6,50 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025), bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi ta' dawn is-setturi; jissottolinja, barra minn hekk, li l-finanzjament addizzjonali għad-dimensjoni esterna tas-sajd taħt l-intestatura 3 għandu jammonta għal EUR 1,69 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 1,50 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) inkluż għall-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli u l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd; itenni l-fatt li l-politika komuni tas-sajd tikkontribwixxi għal introjtu stabbli u prospetti fit-tul għas-sajjieda, filwaqt li tipproteġi l-ekosistemi tal-baħar sostenibbli, li jirfdu l-kompetittività tas-settur; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-flotta tas-sajd tal-UE biex jittejbu s-sikurezza u s-sigurtà, inkluż billi jiġi indirizzat b'mod determinat is-sajd illegali u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-effiċjenza enerġetika u s-sostenibbiltà u billi jkunu jistgħu jsiru l-modernizzazzjoni tal-flotta tal-Unjoni u t-tiġdid ġenerazzjonali; jappella, barra minn hekk, li l-QFP li jmiss jiżgura finanzjament iddedikat u viżibbli, lil hinn mill-finanzjament għas-sajd, għall-politiki tal-Unjoni relatati mal-oċeani, inkluż il-Patt għall-Oċeani;

28. Ifakkar li l-politika ta' koeżjoni hija prijorità tal-Unjoni bbażata fuq it-Trattat u minquxa legalment; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni trid tkompli taġixxi bħala l-istrument ewlieni ta' investiment territorjali tal-Unjoni u bħala pilastru tal-mudell tat-tkabbir tal-UE, abbażi tal-involviment effettiv tal-awtoritajiet reġjonali u lokali permezz tal-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali u t-tfassil tal-investimenti għall-ħtiġijiet tagħhom u implimentati skont mudell

ibbażat fuq il-prinċipju tas-sħubija, bl-involviment tal-atturi ekonomiċi u tas-soċjetà ċivili u governanza f'diversi livelli b'baġit totali ta' EUR 306,93 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 274,34 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għall-fondi strutturali u ta' investiment;

29. Jappella li l-politika ta' koeżjoni tibqa' politika distinta b'baġit iddedikat u robust delimitat fil-QFP li jmiss b'ammont totali ta' EUR 248,37 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 222 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), EUR 46,99 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 42 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għall-Fond ta' Koeżjoni u EUR 11,57 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 10,34 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għall-Interreg; jissottolinja li l-allokazzjoni ta' dan l-ammont għall-politika ta' koeżjoni hija kundizzjoni meħtieġa mhux biss biex jiġi żgurat il-finanzjament tal-objettivi ta' koeżjoni fit-tul u titrawwem il-konverġenza, iżda wkoll għall-finanzjament tal-objettivi u l-prijoritajiet il-ġodda fi ħdan din il-politika;

30. Jiddispjaċih li n-nuqqasijiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li ġew identifikati wkoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ma ġewx indirizzati mill-Kummissjoni meta pproponiet ir-Regolament dwar il-PSNR u jappella għal approċċ ta' ġestjoni kondiviża li fih l-awtoritajiet lokali u reġjonali jieħdu r-responsabbiltà għat-tfassil, il-programmazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet;

31. Jitlob li jiġu stabbiliti kapitoli reġjonali f'konformità mal-qafas istituzzjonali tal-Istati Membri; jappella għall-involviment sħiħ tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tfassil, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-fondi, abbażi ta' ġestjoni kondiviża, governanza f'diversi livelli u l-prinċipju tas-sħubija hekk kif inhuma mifhuma bħalissa; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' riżorsi definiti b'mod ċar, regoli ta' sħubija u enfasi territorjali soda, fejn ir-reġjuni jaġixxu bħala awtoritajiet ta' ġestjoni, inkluż permezz ta' negozjati diretti mal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni ta' stadji importanti u miri u l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll aċċess aktar dirett għall-finanzjament tal-UE għall-awtoritajiet reġjonali u lokali;

32. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' appoġġ adegwat għar-rispons tal-Unjoni għall-isfidi demografiċi; jitlob li jiġu żgurati riżorsi adegwati, fi ħdan il-programmi rilevanti, għal miżuri li jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' tali sfidi, b'mod partikolari għar-reġjuni u ż-żoni żvantaġġati milquta minn disparitajiet reġjonali u popolazzjoni li qed tixjieħ, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;

33. Ifakkar fl-isfidi uniċi li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-reġjuni insulari, transfruntiera u muntanjużi fl-UE u jappella għal soluzzjonijiet imfassla apposta biex jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li r-restrizzjonijiet ġeografiċi distinti tagħhom u r-realtajiet ekonomiċi u ambjentali

tagħhom jitqiesu kif xieraq fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-kapitoli reġjonali;

34. Jinnota li l-ipprogrammar finanzjarju tal-Faċilità tal-UE, li jippermetti flessibbiltà addizzjonali għall-politiki li tkopri u li jaqa' kompletament taħt il-kompetenza tal-awtorità baġitarja, se jibbenefika minn riżorsi finanzjarji sostanzjali allokati lilu biex jiffaċċja kriżijiet mhux previsti;

35. Jinnota l-introduzzjoni ta' Catalyst Europe fil-proposta tal-Kummissjoni, li tista' timmobilizza sa EUR 150 biljun f'self affordabbli appoġġjat mill-UE biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu investimenti strateġiċi lil hinn mill-pakketti nazzjonali allokati tagħhom; jemmen li dan il-mekkaniżmu jirrappreżenta pass importanti lejn l-indirizzar tad-diskrepanzi fl-investiment fid-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza ekonomika; jenfasizza li Catalyst Europe jkun aċċessibbli għall-Istati Membri kollha, u b'hekk jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u soċjali, kif ukoll għall-kompetittività Ewropea;

36. Iqis li, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa u effettiva tal-Artikolu 349 tat-TFUE, irid jiġi stabbilit finanzjament speċifiku għar-reġjuni ultraperiferiċi fi ħdan il-QFP 2028-2034; jappella, għalhekk, għal POSEI b'allokazzjoni finanzjarja separata suffiċjenti għal miżuri speċifiċi, inkluż għall-akkwakultura u s-sajd, li għandhom rwol ewlieni fis-sigurtà tal-ikel, l-impjiegi u l-iżvilupp lokali;

37. Jenfasizza li l-QFP 2028-2034 għandi jkollu rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-inugwaljanza, tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, billi jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-pjan ta' azzjoni tiegħu u l-miri ewlenin tiegħu; jinsab imħasseb ħafna li d-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' akkomodazzjoni deċenti fl-Ewropa qed jonqsu b'rata allarmanti, f'kuntest ta' tnaqqis fl-investiment ġenerali fil-provvista tal-akkomodazzjoni f'ħafna mill-Istati Membri, bil-finanzjament pubbliku u privat jibqa' taħt dak li huwa meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda; jappella għal implimentazzjoni strateġika, responsabbli u effiċjenti tal-investimenti f'akkomodazzjoni deċenti, sostenibbli u affordabbli, permezz tal-użu ta' fondi tal-UE, inkluż permezz ta' miżuri fl-ambitu tal-FEŻR, u l-użu ta' self ta' Catalyst Europe u investimenti mmirati fl-ambitu tal-FEK, kif ukoll tal-kompartimenti nazzjonali ta' InvestEU, li jippermettu investiment akbar fl-akkomodazzjoni bil-ħsieb li jiġi implimentat il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli;

38. Jitlob li l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jibqa' programm awtonomu u separat b'pakkett finanzjarju ddedikat ta' EUR 124,19 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 110,73 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għall-promozzjoni ta' konverġenza soċjali 'l fuq, impjiegi ta' kwalità u opportunitajiet indaqs; jenfasizza lil-FSE jibqa' strument ta' finanzjament ewlieni għall-investiment fl-edukazzjoni, l-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet, irawwem l-ugwaljanza u jipprovdi għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u dawk l-aktar fil-

bżonn fis-soċjetajiet tagħna, u jwettaq il-miri tal-pjan ta’ azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jiddispjaċih ħafna dwar id-dimensjoni soċjali dejqa tar-Regolament dwar il-PSNR propost; jitlob li jiġu ggarantiti ċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-benefiċjarji finali u għall-awtoritajiet ta’ ġestjoni responsabbli;

39. Jissottolinja li l-QFP irid jappoġġja l-implimentazzjoni sħiħa u rapida tal-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Asil biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta’ akkoljenza adegwati, proċeduri tal-asil rapidi u effiċjenti, l-integrazzjoni, u proċeduri ta’ ritorn u riammissjoni, f’konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jinsisti li l-QFP li jmiss irid jipprovdi r-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati b’mod adegwat l-isfidi ewlenin tal-Unjoni fil-qasam tal-asil, il-migrazzjoni, l-integrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna, u l-protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE, inkluż għall-infrastruttura tal-fruntieri, kif ukoll miżuri fiżiċi, elettroniċi u tal-intelligence, meta u fejn ikun rilevanti; iqis li l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ma tweġibx b’mod adegwat għal dawn ir-rekwiżiti u jitlob li l-ammonti għall-politiki dwar l-asil u l-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà jiżdiedu għal EUR 38,04 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 34 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025); jappella għall-espansjoni ta’ flussi ta’ finanzjament dirett fi ħdan il-Faċilità tal-UE għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li tibni fuq il-mudell tal-faċilità tematika attwali tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni;

40. Jirrikonoxxi li r-reġjuni kollha tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE jħabbtu wiċċhom ma’ sfidi ekonomiċi, soċjali u ta’ sigurtà akbar minħabba l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u theddid ġeopolitiku ieħor, inkluż theddid ibridu; jisħaq fuq il-ħtieġa ta’ appoġġ komprensiv tal-QFP biex jissaħħu d-difiża, il-preparatezza, ir-reżiljenza u s-sigurtà tagħhom, kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali tagħhom; għaldaqstant jappella għal rispons komprensiv fil-programmi kollha tal-UE u appoġġ sostnut fil-livell tal-UE, inkluż assistenza finanzjarja fl-ambitu tal-pjanijiet nazzjonali;

Intestatura 2

41. Jilqa’ t-tisħiħ sinifikanti tal-intestatura 2 dwar “Kompetittività, prosperità u sigurtà”, b’allokazzjoni ta’ EUR 522,2 biljun fi prezzijiet tal-2025 fil-QFP 2028-2034, jiġifieri 30 % tal-QFP totali meta mqabbel ma’ EUR 224,8 biljun jew 17 % fil-perjodu attwali; jinnota li dan l-iruppjar u aktar tar-riżorsi jirrifletti l-impenn tal-Unjoni għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-awtonomija strateġika, is-setturi u l-infrastrutturi industrijali strateġiċi, ir-reżiljenza tal-ilma, it-teknoloġiji emerġenti, il-bijoteknoloġija, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, il-materja prima kritika, is-sigurtà tal-enerġija, l-ispazju, id-difiża, it-trasport u l-mobbiltà militari, l-industriji kreattivi, l-edukazzjoni, il-kultura, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, is-sovranità teknoloġika u l-appoġġ għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu; jirrikonoxxi

li din iż-żieda sostanzjali twieġeb għat-talbiet li ilu jagħmel il-Parlament għal investiment akbar f'dawn l-oqsma u jenfasizza li għandha tiġi implimentata b'mod li jiżgura koerenza strateġika u jimmassimizza l-valur miżjud tal-UE;

42. Jissottolinja li l-FEK jeħtieġ li jkun strument ta' finanzjament immirat li jimla diskrepanza fil-QFP attwali; jissottolinja r-rwol ewlieni tal-FEK fit-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni, fis-sens tal-ħila tal-kumpaniji tal-Unjoni li jikkompetu fis-swieq globali, fit-tisħiħ tas-sovranità ekonomika u industrijali tagħha, il-produttività fit-tul, l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza, inkluż l-aċċess għal materja prima kritika, u fil-kisba tat-tranżizzjoni doppja; jitlob, f'dan ir-rigward, baġit ta' EUR 264,35 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 234 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għall-FEK; jinsisti li l-konsolidazzjoni tal-programmi ma tridx tnaqqas it-trasparenza jew tillimita l-kapaċità tal-Parlament li jiżgura finanzjament xieraq għal objettivi ta' politika speċifiċi; jinsisti li minkejja l-fużjonijiet tal-programmi, il-linji baġitarji jridu jibqgħu dettaljati biżżejjed biex jippermettu sorveljanza parlamentari sinifikattiva u jżommu l-viżibbiltà tal-finanzjament għall-prijoritajiet individwali; iqis li huwa importanti li jiġi żgurat li l-FEK, inkluż l-azzjonijiet LIFE, jiġu implimentati permezz ta' arranġamenti ta' governanza trasparenti li jippermettu t-traċċar tal-infiq, l-objettivi u r-riżultati b'mod ġenerali u l-evitar ta' frammentazzjoni bla bżonn; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-kompetittività trid trawwem it-tkabbir ekonomiku, kif ukoll tippromwovi impjiegi ta' kwalità, stabbli u mħallsa tajjeb kif issottolinjat kemm fir-rapport Draghi kif ukoll fir-rapport Letta, u li forza tax-xogħol imħarrġa sew hija kruċjali għal ekonomija Ewropea li tibqa' valida fil-futur u, għalhekk, huwa meħtieġ finanzjament għat-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol u għat-titjib tal-ħiliet tagħhom, inkluż f'setturi li qed iħabbtu wiċċhom ma' trasformazzjonijiet sinifikanti;

43. Jinnota li l-baġit tal-UE waħdu ma jistax jimla d-diskrepanza fl-investiment u għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn l-investiment pubbliku u privat, jintużaw it-tnaqqis tar-riskji, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji bħala għodod qawwija u effettivi biex jintlaħqu l-objettivi u l-għanijiet ta' politika tal-UE, u tiġi ssimplifikata u armonizzata l-arkitettura tal-investiment tal-UE; jinsisti b'qawwa li huwa meħtieġ li jkun hemm strument InvestEU akbar fid-daqs mill-programm attwali u disponibbli mill-bidu nett u li l-baġit għandu jipprovdi kompartimenti nazzjonali InvestEU aktar flessibbli u aċċessibbli, speċjalment għall-SMEs, u jappella għall-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji u mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-riskju robusti fil-livell tal-UE fl-ambitu tal-FEK li jistgħu jiżguraw fluss stabbli ta' investiment u jattiraw il-kapital privat;

44. Ifakkar fl-importanza li jiġu appoġġjati l-SMEs peress li huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea, għandhom fokus territorjali qawwi u huma mutur ewlieni għat-tkabbir fl-Unjoni kollha; jenfasizza l-importanza

ta’ livell ta’ investiment adegwat fl-SMEs; jenfasizza lil-baġit tal-UE għandu jippermetti lill-SMEs jaċċessaw il-finanzjament aktar malajr, inaqqas id-diskrepanza fl-innovazzjoni u fl-investiment mal-kompetituri globali u jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi u l-awtonomija strateġika;

45. Jenfasizza li t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali hija marbuta b’mod inseparabbli mal-prosperità, il-benesseri, is-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività fit-tul tal-Ewropa; jissottolinja li s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna mill-fatt li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, għan-negozji u għar-reġjuni milquta u li din tikkontribwixxi għall-ġustizzja soċjali għal kulħadd, b’enfasi partikolari fuq dawk l-aktar vulnerabbli, sabiex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura; jinsisti, għalhekk, li l-QFP 2028-2034 irid ikompli jappoġġja t-tranżizzjoni doppja; jesprimi dispjaċir dwar il-fatt li l-proposta għall-QFP 2028-2034 ma tinkludix strument awtonomu u jappella li l-fondi rilevanti taħt il-QFP li jmiss madankollu jappoġġjaw tranżizzjoni ġusta; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa ta’ sinerġiji u komplementarjetà fost il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni u l-FEK;

46. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-bażi tad-difiża industrijali u teknoloġika tal-Ewropa; ifakkar li l-politika industrijali tad-difiża trid tkun miftuħa u trawwem il-kompetizzjoni, u li t-teknoloġiji b’użu doppju, il-mobbiltà militari u l-infrastrutturi kritiċi huma pilastri tal-projezzjoni ġeopolitika tal-Unjoni u tad-deterrenza Ewropea; jappella għal allokazzjonijiet relatati mad-difiża li jkunu identifikabbli b’mod ċar u ffinanzjati b’mod adegwat; jitlob li kwalunkwe investiment rilevanti għad-difiża, inkluż fl-ambitu tal-PSNR, isegwi kriterji ta’ eliġibbiltà koerenti, inkluż rekwiżiti relatati ma’ valur miżjud Ewropew ċar u koerenti mal-prinċipji tal-preferenza Ewropea, l-interoperabbiltà, is-sigurtà tal-provvista u r-reżiljenza industrijali;

47. Jinnota li l-baġit propost għal Orizzont Ewropa għadu ma jilħaqx il-kontribuzzjoni meħtieġa tal-Unjoni biex tintlaħaq il-mira ta’ nfiq ta’ 3 % fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u jitlob baġit għal Orizzont Ewropa ta’ EUR 200 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 177,01 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025); jissottolinja li aktar investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, inklużi investimenti privati ħafna akbar, jirriflettu l-ħtieġa eżistenzjali tal-Unjoni li tnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni mal-kompetituri globali tagħna u b’hekk iġġib it-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività lura lejn l-Ewropa, peress li dan jibqa’ l-pedament tal-prosperità tagħna u huwa kruċjali biex jinżamm il-mudell soċjali tagħna; ifakkar li l-infiq tal-UE fir-R&Ż ma jistax jissostitwixxi l-investiment pubbliku nazzjonali sostnut fir-R&Ż; jisħaq li r-riċerka kollaborattiva, il-kompetizzjoni miftuħa, u l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika jridu jibqgħu fil-qalba tal-programm qafas, u jilqa’ d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkompli l-appoġġ iddedikat għat-twessigħ tal-azzjonijiet u għall-pajjiżi fi tranżizzjoni sabiex jissaħħaħ il-bilanċ ġeografiku; jissottolinja li l-programm qafas, inklużi l-azzjonijiet ta’ twessigħ tiegħu, għandu

primarjament ikollu l-għan li jrawwem l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha u li jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tat-talent tal-Ewropa;

48. Ifakkar fl-importanza tal-FNE biex jiġu indirizzati l-konnessjonijiet neqsin fis-settur Ewropew tal-enerġija u t-trasport u tal-kontribut tagħha biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-kompetittività fl-UE; jinnota li t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u l-investiment strutturali transfruntier biex jittejbu s-sigurtà tal-enerġija u l-infrastruttura kritika tal-enerġija fl-Ewropa huma indispensabbli u jikkostitwixxu prerekwiżit biex tiġi żgurata provvista tal-enerġija sigura u affordabbli madwar l-Unjoni; ifakkar fl-importanza kruċjali u l-valur miżjud tal-investiment tal-UE fl-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija nadifa u fl-aċċellerazzjoni tal-modernizzazzjoni tal-grilja u l-interkonnessjoni transfruntiera, inkluż għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; jilqa' ż-żieda ferm meħtieġa fl-FNE għat-trasport u fil-mobbiltà militari; jinnota li l-finanzjament għall-infrastruttura tat-trasport, kif ukoll is-soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni u diġitalizzazzjoni, issa jiddependi fuq sinkronizzazzjoni mill-qrib bejn l-FNE, l-FEK u l-PSNR; jitlob allokazzjoni tal-FNE ta' EUR 91,29 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 81 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) sabiex jiġu appoġġjati b'mod adegwat l-enerġija, it-trasport u l-mobbiltà militari;

49. Jisħaq li l-programm LIFE għandu rwol ċentrali fl-integrazzjoni tal-objettivi u l-impenji ambjentali tal-UE; iqis, għalhekk, li l-azzjonijiet attwalment appoġġjati fl-ambitu tal-programm LIFE, bħall-appoġġ immirat, fit-tul u ta' kwalità għolja għall-konservazzjoni tan-natura, ir-restawr tal-bijodiversità, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-governanza ambjentali għandhom ikomplu b'mod ċar, b'finanzjament iddedikat ta' EUR 3,39 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 3 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) fl-ambitu tal-FEK, sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà, l-istabbiltà u l-kontinwità tal-finanzjament, inkluż għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u sabiex l-implimentazzjoni fil-prattika tibqa' effettiva u viżibbli għall-benefiċjarji u ċ-ċittadini; jisħaq, barra minn hekk, li l-Faċilità tal-UE għandha timplimenta wkoll azzjonijiet relatati mal-LIFE biex jinkiseb il-livell attwali ta' finanzjament tal-programm LIFE;

50. Jisħaq li s-saħħa taċ-ċittadini Ewropej tibqa' prijorità; jenfasizza li popolazzjoni b'saħħitha u settur tas-saħħa b'saħħtu huma xprunaturi fundamentali tal-kompetittività, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tal-Ewropa; jissottolinja li investiment sostnut u prevedibbli fis-saħħa huwa essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, tiġi appoġġjata u tinżamm forza tax-xogħol tas-saħħa b'ħiliet speċjalizzati, jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-kura fl-Istati Membri kollha u tiġi żgurata t-tħejjija tal-Unjoni għal kriżijiet tas-saħħa futuri; jesprimi tħassib serju dwar id-dilwizzjoni tal-programm EU4Health, li jittrasferixxi l-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet tal-politika

tas-saħħa, il-prevenzjoni u t-tisħiħ tas-sistema tas-saħħa fl-FEK; jitlob għalhekk li EUR 10,05 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 8,90 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) ta' finanzjament jiġu allokati fl-ambitu tal-FEK għal prijoritajiet speċifiċi tal-EU4health;

51. Itenni li għandhom jiġu ddedikati riżorsi adegwati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, u tal-inizjattivi u tal-korpi tal-UE li jippromwovu l-ugwaljanza vera fost in-nies, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, l-orjentazzjoni sesswali jew ir-razza tagħhom; jirrimarka, f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni[6] wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament ta' Diċembru 2025[7] dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi";

52. Jieħu nota tal-proposta biex it-tħejjija għall-kriżijiet u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa jiġu ttrasferiti mill-programm attwali EU4Health għall-kapaċitajiet aktar ġenerali ta' rispons għall-kriżijiet tal-UE, ikkomplementati minn funzjonijiet u azzjonijiet transsettorjali ġodda ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet relatati mal-kooperazzjoni ċivili-militari, li joħolqu protezzjoni ċivili Ewropea integrata u reżiljenti; jissottolinja r-rwol tal-UE bħala ċentru għall-koordinazzjoni u t-titjib tat-tħejjija u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jirrispondu immedjatament għal emerġenzi fuq skala kbira u b'impatt għoli u jtenni l-appell tiegħu biex jiġi żgurat finanzjament adegwat għat-tħejjija u r-rispons rapidu għall-kriżijiet, filwaqt li jiġi żgurat li l-UCPM+ jibqa' l-qafas primarju fil-livell tal-UE għar-rispons għall-kriżijiet bi skop ġenerali; jitlob baġit għall-UCPM+ ta' EUR 12,42-il biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 11-il biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025);

53. Itenni li Erasmus +, bħala wieħed mill-programmi ewlenin tal-Unjoni, għandu rwol ċentrali fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej, il-kooperazzjoni transfruntiera u l-involviment taż-żgħażagħ u jfakkar li, fil-kuntest tar-rapporti Draghi u Letta, it-tisħiħ tal-kapital uman, il-mobbiltà u l-ħiliet tal-ħaddiema, inkluż permezz ta' skambji universitarji u ta' apprendistat, huwa identifikat bħala komponent essenzjali tal-kompetittività u r-reżiljenza tal-Ewropa; jitlob baġit ta' Erasmus+ ta' EUR 47,39 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 42 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025);

54. Jisħaq li l-investiment fir-reżiljenza demokratika u l-vitalità kulturali huwa parti integrali mill-awtonomija strateġika tal-Unjoni; jilqa', f'dan il-kuntest, il-proposta għall-programm il-ġdid AgoraEU, u jirrikonoxxi l-kamp ta' applikazzjoni mwessa' tiegħu u l-valur miżjud Ewropew uniku tiegħu bħala l-uniku programm tal-Unjoni ddedikat għas-setturi kulturali u kreattivi u l-pluraliżmu tal-media, kif ukoll

---

6 ĠU C, C/2026/1383, 4.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/1383/oj.

7 Testi adottati, P10_TA(2025)0338.

għall-appoġġ tal-parteċipazzjoni demokratika u l-promozzjoni tal-valuri Ewropej; jitlob baġit ta' EUR 10,72 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 9,5 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għal AgoraEU;

55. Jitlob baġit ta' EUR 0,89 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 0,79 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għall-Programm dwar il-Ġustizzja, inkluż appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja, l-introduzzjoni ta' strumenti transfruntiera ġodda, u inizjattivi emerġenti biex titnaqqas il-frammentazzjoni legali transfruntiera, b'mod partikolari fid-dawl tal-isfidi emerġenti, inklużi r-reati online u d-diskors ta' mibegħda;

Intestatura 3

56. Jinnota li l-Intestatura 3 "Ewropa Globali" hija allokata EUR 190 biljun fi prezzijiet tal-2025 fil-QFP 2028-2034, u dan jirrappreżenta żieda sinifikanti minn EUR 121,5 biljun fil-perjodu attwali filwaqt li żżomm is-sehem tagħha ta' 10 % tal-QFP totali; iqis li dan it-tisħiħ essenzjali ta' EUR 68,5 biljun huwa assolutament kruċjali, peress li juri l-impenn tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala attur globali u sħab affidabbli f'ambjent ġeopolitiku dejjem aktar kumpless; jesprimi tħassib, madankollu, li dan il-livell ta' finanzjament għadu insuffiċjenti biex jiffinanzja l-appoġġ qabel l-adeżjoni u l-azzjoni esterna minħabba l-iskala tal-isfidi globali, inklużi l-ħtiġijiet u l-inugwaljanzi tal-iżvilupp dejjem jiżdiedu, il-kriżijiet umanitarji, l-għadd bla preċedent ta' kriżijiet, kunflitti u fraġilitajiet ġenerali, id-dekabornizzazzjoni, is-saħħa globali u l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-Ukrajna u sħab oħra; iqis għalhekk li huwa meħtieġ li l-allokazzjoni baġitarja għall-istrument Ewropa Globali tiżdied għal EUR 225 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 198,63 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025);

57. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' miri tematiċi li jkopru oqsma kritiċi li jippermettu lill-koleġiżlaturi jistabbilixxu prijoritajiet strateġiċi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu involuti s-sħab tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-atturi lokali u reġjonali; jisħaq li din l-allokazzjoni akbar hija essenzjali biex l-Unjoni tiġi żgurata bħala attur globali kredibbli; jitlob il-fondi meħtieġa biex jiġu appoġġjati l-proċessi tat-tkabbir u tal-adeżjoni u biex jiġu promossi u rispettati l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja, inkluż permezz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku; jisħaq li finanzjament prevedibbli u adegwat jappoġġja l-istabbiltà, ir-reżiljenza u l-iżvilupp sostenibbli, u jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni billi jrawwem opportunitajiet ekonomiċi, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità, u ħolqien ta' impjiegi fil-pajjiżi sħab, u b'hekk isaħħaħ is-sigurtà fit-tul; jitlob li jiġu nnegozjati dispożizzjonijiet fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva rilevanti biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE fl-ambitu tal-istrument Ewropa Globali ma tinjorax il-ksur persistenti tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi sħab, u jfakkar fil-prinċipji tal-umanità, l-imparzjalità, in-newtralità u l-indipendenza

għall-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp;

58. Iwissi li l-fużjoni tal-programmi tista' twassal, għal darb'oħra, għal sorveljanza u involviment parlamentari mdgħajfa u viżibbiltà mnaqqsa tal-finanzjament għal prijoritajiet speċifiċi, kif ġara fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali; jitlob mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont u rappurtar ċari u sinifikanti fi ħdan il-qafas tal-Ewropa Globali; jinsisti li l-pilastri, kif ukoll il-programmi tematiċi, il-pajjiżi u l-istrumenti fi ħdanhom, inklużi l-fondi ta' qabel l-adeżjoni, iżommu linji baġitarji ċari u separati biex jiżguraw it-trasparenza fl-allokazzjonijiet u li t-talbiet għal trasferimenti fi ħdan il-pilastri ta' ammont sinifikanti jkunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Parlament; iqis li huwa essenzjali li d-diżimpenji fl-ambitu tal-Ewropa Globali jitħallew jerġgħu lura għal-linja baġitarja tal-oriġini; iqis li huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi tqassim ċar bejn il-finanzjament programmabbli u dak mhux programmabbli u jfakkar li l-Ewropa Globali trid tkun magħmula prinċipalment minn azzjonijiet ta' programmi ġeografiċi;

59. Ifakkar li l-għajnuna umanitarja, b'finanzjament delimitat, salvagwardjata u implimentata f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 dwar l-għajnuna umanitarja[8], tibqa' l-espressjoni ta' solidarjetà l-aktar viżibbli u bbażata fuq il-prinċipji tal-Ewropa u trid tkompli tirrispetta l-prinċipji tal-umanità, l-imparzjalità, in-newtralità u l-indipendenza; itenni l-pożizzjoni tiegħu li n-natura bbażata fuq il-prinċipji u l-ħtiġijiet tal-għajnuna umanitarja tirrikjedi li l-finanzjament prevedibbli tagħha jitwassal permezz ta' qafas koerenti b'linja bażi annwali li fiha riżorsi adegwati b'nomenklatura ddedikata, ikkomplementata minn riżerva adegwata biex taqdi azzjonijiet ta' emerġenza;

60. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess garantit għar-riżerva tar-riżerva tal-Ewropa Globali, li għandha tkun disponibbli flimkien mal-allokazzjoni indikattiva ta' EUR 25 biljun u barra minnha għal rinforzi fil-każ ta' ħtiġijiet mhux mistennija, li qed jikbru minħabba fatturi bħat-tibdil fil-klima; jitlob li l-EUR 25 biljun għall-għajnuna umanitarja matul il-perjodu 2028-2034 jitqiesu bħala minimu garantit u mhux limitu massimu, fid-dawl tal-għadd u d-durata dejjem akbar tal-kriżijiet umanitarji;

61. Jilqa' l-fatt li l-mobilizzazzjoni tar-riżerva tal-Ewropa Globali għandha tinbidel meta mqabbla mal-NDICI – Ewropa Globali, peress li fl-

---

[8] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.07.1996, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/1257/oj).

ambitu tal-QFP u tar-regoli tar-Regolament Finanzjarju li jmiss[9] kwalunkwe mobilizzazzjoni ta' aktar minn 10 % tal-allokazzjoni annwali se jkollha tiġi approvata mill-Parlament u mill-Kunsill; jinsisti, madankollu, fuq it-talbiet preċedenti tiegħu li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament fi żmien xieraq qabel kwalunkwe mobilizzazzjoni tar-riżerva u tqis l-osservazzjonijiet tagħha dwar in-natura, l-objettivi u l-ammonti finanzjarji previsti;

62. Jissottolinja li strument Ewropa Globali b'riżorsi biżżejjed huwa essenzjali għall-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u biex l-UE taġixxi bħala sieħeb affidabbli u fit-tul, fuq l-istess livell mal-pajjiżi sħab; jafferma mill-ġdid li l-allokazzjonijiet fl-ambitu tal-Ewropa Globali għandhom jallinjaw mal-objettiv tal-politika tal-UE dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif iddikjarat fl-Artikolu 208 tat-TFUE, jiġifieri t-tnaqqis u, fuq terminu twil, il-qerda tal-faqar, kif ukoll mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

63. Jitlob mekkaniżmi sinifikanti ta' obbligu ta' rendikont u rapportar; jinsab imħasseb dwar l-użu mifrux ta' "finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż" fl-implimentazzjoni tal-pilastru tal-Ewropa permezz ta' pjanijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni u jinsisti li dawn il-fondi għandhom jiġu żborżati abbażi tal-konformità mal-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir, inkluż l-istat tad-dritt;

64. Iqis li t-tkabbir jirrappreżenta opportunità biex tissaħħaħ l-Unjoni u li l-QFP li jmiss huwa kruċjali biex l-Unjoni u l-pajjiżi kandidati jitħejjew għall-adeżjoni tagħhom; jilqa' d-deċiżjoni li l-Ukrajna u l-viċinat tar-Repubblika tal-Moldova jingħataw status ta' pajjiż kandidat; jinsisti fuq il-ħtieġa li jintużaw il-fondi meħtieġa biex jiġu appoġġjati l-proċessi ta' adeżjoni tagħhom u l-proċessi ta' adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent; jilqa' l-impenn tal-Ewropa Globali li tipprovdi appoġġ finanzjarju robust lill-pajjiżi kandidati bħala strument ewlieni biex dawn jiġu ankrati b'mod sod mal-UE u biex titmexxa 'l quddiem it-tħejjija tagħhom għall-adeżjoni; jitlob li tiġi garantita allokazzjoni ddedikata għal kull pajjiż kandidat b'linji baġitarji speċifiċi;

65. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-Ukreni fil-ġlieda tagħhom għal-libertà u d-demokrazija u jiddeplora t-tbatija terribbli u l-impatt li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikabbli tar-Russja; jilqa' l-fatt li l-proposta biex jiġi implimentat is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna ġiet adottata bħala parti mill-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna; jissottolinja li l-kostijiet tas-servizz tad-dejn li jirriżultaw mis-self għas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna ma ġewx ikkunsidrati fil-proposti għall-QFP li jmiss; jinsisti li dawn l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn jitqiegħdu kompletament lil hinn mil-limiti

---

9 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj). http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

massimi tal-QFP li jmiss u barra mill-finanzjament diġà ppjanat fl-ambitu tar-Riżerva għall-Ukrajna;

66. Jinnota bi tħassib it-tnaqqis fil-mira tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) minn 93 % għal 90 % fil-proposta tal-Kummissjoni; jisħaq li l-Kummissjoni m'għandhiex tkun tista' tbiddel din il-mira permezz ta' atti delegati;

67. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) u għall-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu; jissottolinja li l-missjonijiet ċivili tal-PSDK huma strateġiċi għall-Unjoni u jappoġġjaw l-interessi tas-sigurtà u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif ukoll dawk tas-sħab tagħna; jitlob, għalhekk, allokazzjoni ta' EUR 3,76 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 3,34 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) għall-baġit għall-politika estera u ta' sigurtà komuni, li tkopri l-PSDK;

68. Jissottolinja li l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej jirrappreżentaw assi uniċi u strateġiċi li huma ta' benefiċċju għall-Unjoni kollha kemm hi; jemmen li l-allokazzjoni proposta mill-Kummissjoni ma tikkorrispondix għall-isfidi li jiffaċċjaw il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej u jitlob allokazzjoni ta' EUR 2,08 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 1,85 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025), filwaqt li jitqies ukoll it-theddid reċenti għall-integrità territorjali ta' Greenland, li l-kooperazzjoni magħha tista' tgħin b'mod sinifikanti lill-Unjoni tavvanza l-awtonomija strateġika tagħha;

69. Jinsisti li l-finanzjament tal-UE għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti jikkostitwixxi investiment dirett fl-istabbiltà u s-sigurtà fit-tul tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tagħha; ifaħħar ir-rwol tan-NU u tal-aġenziji tagħha fiż-żoni ta' kunflitt u jitlob lill-UE ssaħħaħ l-appoġġ politiku u finanzjarju tagħha għall-multilateraliżmu; jeżiġi li l-QFP li jmiss jipprovdi finanzjament iddedikat, adegwat u prevedibbli lin-NU u lill-aġenziji tagħha, li l-ħidma tagħhom hija ta' importanza fundamentali għall-popolazzjoni ċivili, b'mod partikolari f'Gaża, fix-Xatt tal-Punent, fis-Sirja, fil-Libanu u fir-reġjun usa'; jappella lill-UE biex ikollha rwol attiv fil-konsolidazzjoni tal-paċi u fl-indirizzar tal-effetti tal-kunflitti fl-Ukrajna u f'Gaża u fl-appoġġ tal-isforzi ta' bini mill-ġdid; jitlob finanzjament iddedikat f'dan ir-rigward fil-QFP; jissottolinja li l-finanzjament kollu tal-UE jrid ikun konformi mal-valuri u r-regoli tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament Finanzjarju;

70. Jitlob li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) ikomplu jingħataw ir-riżorsi u jkompli l-involviment sinifikattiv magħhom, speċjalment l-atturi lokali u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, u jitlob djalogu strutturat appoġġjat minn flussi ddedikati ta' finanzjament imfassla għall-ħtiġijiet tal-OSĊ kif ukoll għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob li jiġi implimentat il-finanzjament tal-azzjoni esterna, filwaqt li jitqies ir-rwol fundamentali tal-gvernijiet

lokali u reġjonali bis-saħħa ta’ governanza u sħubijiet effettivi, ċari u konsistenti f’diversi livelli;

71. Jinsisti li l-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jiġi rikonoxxut bħala s-sieħeb finanzjarju strateġiku primarju tal-Unjoni fi ħdan l-arkitettura tal-Ewropa Globali biex jiġi massimizzat l-impatt tar-riżorsi tal-intestatura 3; jitlob sħubija ta’ investiment b’saħħitha mal-BEI biex jiġi ingranat il-baġit tal-UE, jiġi mobilizzat l-investiment privat u jissaħħaħ il-qafas tat-taħlit u l-garanziji baġitarji, filwaqt li jiġi żgurat it-twettiq effettiv tal-objettivi tal-istrument, b’mod partikolari dawk relatati mal-kompetittività, ir-reżiljenza u l-promozzjoni tal-aċċess tas-settur privat għall-finanzjament fil-pajjiżi sħab; jirrikonoxxi r-rwol komplementari ta’ sħab ta’ implimentazzjoni oħra bħal banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Bank ta’ Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa;

Riżorsi umani, aġenziji deċentralizzati, u nefqa amministrattiva oħra

72. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politiki tal-Unjoni jkunu sostnuti minn amministrazzjoni li tiffunzjona tajjeb; jinsisti li wara l-2027 għandhom jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u tal-persunal mill-bidu nett u matul il-perjodu tal-QFP sabiex l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, b’mod partikolari meta l-mandat tagħhom jiġi estiż, ikunu jistgħu jiżguraw tfassil tal-politika effettiv u effiċjenti, u twettiq u infurzar ta’ livell għoli u ta’ kwalità, jipprovdu assistenza teknika, ikomplu jattiraw l-aħjar persuni mill-Istati Membri kollha, u b’hekk jiżguraw bilanċ ġeografiku, u jkollhom marġni ta’ flessibbiltà biex jaġġustaw meta ċ-ċirkostanzi jinbidlu; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fi ħdan l-amministrazzjoni fil-livelli kollha;

73. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-finanzjament u l-persunal għall-aġenziji deċentralizzati tal-UE fil-QFP li jmiss; iqis li, għal xi aġenziji, il-proposta ta’ finanzjament u persunal stabbli se tkompli ddgħajjef il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw il-mandati tagħhom; itenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan il-Parlament li kompiti ġodda għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta’ approprjazzjonijiet ġodda, u li r-riallokazzjonijiet minn programmi u prijoritajiet oħra jridu jkunu eċċezzjonali; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu vvalutati u evitati trikkib jew duplikazzjonijiet potenzjali bejn l-aġenziji u li jiġu identifikati opportunitajiet għal sinerġiji u kooperazzjoni sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi jiġu allokati b’mod effiċjenti;

74. Jinnota bi tħassib li l-persunal stabbli impost mill-Kummissjoni stess wera li huwa kontroproduttiv biex jissodisfa r-rekwiżiti operazzjonali; jirrikonoxxi li, għall-QFP 2028-2034, il-Kummissjoni talbet

pożizzjonijiet addizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà f'termini ta' persunal; jinsisti li l-ħtiġijiet tal-persunal tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti pożizzjonijiet addizzjonali; jenfasizza s-sitwazzjoni partikolarment allarmanti fejn xi aġenziji tal-UE jirċievu finanzjament operazzjonali inadegwat, li jillimita serjament il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw il-mandati tagħhom, jikkonformaw mar-Regolament li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni[10] u jwettqu l-objettivi ta' politika u l-infurzar kif ukoll l-obbligi regolatorji tagħhom; jisħaq li, fid-dawl tal-isfidi dejjem akbar li għandhom jiġu indirizzati, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jeħtieġ li joffru ambjent tax-xogħol attraenti biex jiżguraw applikazzjonijiet ta' talent ta' livell għoli;

75. Jisħaq fuq l-importanza tas-sistema tal-Iskejjel Ewropej bħala mudell ewlieni li jistabbilixxi standards edukattivi komuni għoljin madwar l-Istati Membri u joffri kwalifika rikonoxxuta internazzjonalment li tippromwovi l-eċċellenza akkademika, il-mobbiltà tal-istudentI u identità Ewropea kondiviża; jitlob, għalhekk, li l-appoġġ u l-finanzjament prevedibbli jissodisfaw l-ispejjeż strutturali fit-tul tiegħu li bħalissa mhumiex koperti u r-responsabbiltajiet li qed jiżdiedu b'mod rapidu, u li jiġu żgurati l-viżibbiltà, it-trasparenza u ċ-ċertezza baġitarja tiegħu;

76. Jassumi li l-proposta tal-Kummissjoni tirrifletti kif xieraq il-ħtiġijiet reali fl-istituzzjonijiet, fil-korpi u fl-aġenziji kollha u, għal dik ir-raġuni, ma jipproponix żieda ulterjuri; biħsiebu, madankollu, jiddefendi bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni u jiżgura l-finanzjament meħtieġ għal amministrazzjoni pubblika Ewropea b'saħħitha, effiċjenti u ta' kwalità għolja bbażata fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-Unjoni, għas-servizz tal-Ewropej kollha;

Strumenti Speċjali

77. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Strument ta' Flessibbiltà li għandu jkun kostitwit mhux biss minn ammont fiss iżda wkoll minn fondi addizzjonali minn dħul relatat ma' multi u diżimpenji; iqis, fid-dawl tal-pożizzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2025, li l-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jirċievi fondi minn sorsi addizzjonali, jiġifieri marġnijiet li ma jkunux intnefqu mis-snin preċedenti, is-surplus annwali mis-sena preċedenti u r-rimborżi minn strumenti finanzjarji, flimkien ma' marġnijiet futuri bħala l-aħħar alternattiva; iqis ukoll li dan għandu jkun fornut ħafna minn qabel; jitlob simplifikazzjoni u

---

10 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2841/oj).

razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri fil-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali u, għalhekk, iqis li l-eżistenza tal-Istrument ta' Marġini Uniku hija obsoleta u jitlob li l-karatteristiċi tiegħu jiġu inkorporati fl-Istrument ta' Flessibbiltà; iqis li d-dħul assenjat estern u l-ammonti li jerġgħu jsiru disponibbli taħt regoli speċifiċi ta' dħul u diżimpenn f'dispożizzjonijiet speċifiċi għall-programm jistgħu jiġu eżentati minn din ir-regola ġenerali;

78. Itenni li għandu jkun hemm it-tieni strument speċjali, ir-Riżerva ta' Solidarjetà għad-Diżastri Naturali, li jammonta għal EUR 4 biljun fis-sena fi prezzijiet kostanti tal-2025 li għandu jiġi mobilizzat lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, iddedikat biex jiżgura s-solidarjetà f'każ ta' diżastri naturali, li għandu jikkomplementa l-mekkaniżmu ta' kaskata propost għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u li għandu jkun irregolat minn regoli li jippermettu żborż rapidu u, fejn xieraq, mekkaniżmi ta' prefinanzjament f'koordinazzjoni ċara mal-istrumenti rilevanti kollha, inkluż l-UCPM+, u b'hekk jikkontribwixxi għar-reżiljenza u t-tħejjija għall-kriżijiet; iqis li ż-żewġ strumenti speċjali għandhom ikunu jistgħu jirriportaw ammonti mhux minfuqa matul il-perjodu tal-QFP, biex tiġi ggarantita l-flessibbiltà;

79. Jinnota li l-Kummissjoni tipproponi EUR 88 biljun għar-Riżerva tal-Ukrajna fir-regolament QFP biex tiffinanzja l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni, l-irkupru u l-isforzi ta' rikostruzzjoni; iqis li dan l-ammont jista' jipprovdi appoġġ sostanzjali; jilqa' t-tqegħid tar-Riżerva għall-Ukrajna lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet eċċezzjonali u imprevedibbli tal-Ukrajna; josserva, madankollu, li jekk il-kunflitt ikompli, din l-allokazzjoni ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-Ukrajna; jappella għal żieda u frontloading tar-Riżerva, bil-ħsieb li jingħata appoġġ addizzjonali lill-Ukrajna; jisħaq li l-istruttura ta' finanzjament għall-Ukrajna għandha tibqa' koerenti, trasparenti u effettiva, u tappoġġja bis-sħiħ il-perkors ta' adeżjoni tal-pajjiż filwaqt li tiddistingwi b'mod ċar l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u l-ħtiġijiet ta' rikostruzzjoni;

Dispożizzjonijiet speċifiċi

80. Ifakkar li l-QFP attwali ma ġiex iffinanzjat biżżejjed, u dan kien jirrikjedi reviżjoni tal-QFP fl-2024; jinnota li filwaqt li hemm aktar flessibbiltà fil-proposta tal-QFP 2028-2034, l-ammonti globali fil-proposta tal-Kummissjoni għadhom mhumiex biżżejjed;

81. Jiddispjaċih li r-regolament QFP propost ma jinkludix klawżola ta' rieżami ta' nofs it-terminu; jinsisti li r-regolament QFP irid jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP, sa mhux aktar tard minn Lulju 2031, filwaqt li jqis bis-sħiħ is-sitwazzjoni ekonomika f'dak iż-żmien, kif ukoll l-aħħar projezzjonijiet makroekonomiċi u tal-impjieg u l-iżviluppi globali rilevanti; huwa wkoll tal-fehma li tali rieżami obbligatorju għandu jkun akkumpanjat, kif xieraq, minn proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fit-TFUE; jisħaq li

kwalunkwe reviżjoni bħal din ma għandhiex tnaqqas il-pakketti nazzjonali allokati minn qabel, kif stabbilit fir-Regolament PSNR;

82. Ifakkar li l-elezzjonijiet Ewropej se jsiru fl-2034; iqis li d-data tal-pubblikazzjoni tal-proposta għar-Regolament QFP li ġej, jiġifieri l-1 ta' Lulju 2033, hija ferm aktar tard mis-soltu fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-QFP; jitlob li l-proposta għall-QFP ta' wara l-2034 tiġi ppubblikata sa mhux aktar tard minn Lulju 2032;

Governanza

83. Jieħu nota tan-narrattiva tal-Kummissjoni li l-proposti tagħha jfittxu li jżidu l-flessibbiltà u s-simplifikazzjoni fil-QFP li jmiss; jirrikonoxxi li l-flessibbiltà hija essenzjali biex jiġu indirizzati sfidi mhux previsti, iżda jisħaq li din ma tistax tintuża għad-detriment tal-obbligu ta' rendikont, il-prevedibbiltà, it-trasparenza u l-koerenza tal-politika; iwissi li l-flessibbiltà mingħajr trasparenza twessa' l-lakuna fir-responsabbiltà demokratika u ddgħajjef il-fiduċja pubblika fl-UE;

84. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-proposti ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni huma primarjament ta' benefiċċju għall-proċessi tagħha stess aktar milli għall-benefiċjarji finali, u b'hekk jiggravaw id-defiċit demokratiku fl-Unjoni; ifakkar li l-Parlament argumenta b'mod konsistenti favur is-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji finali, inkluż it-tnaqqis tal-piż amministrattiv assoċjat mal-aċċess għall-baġit tal-UE u li l-infiq isir aktar effiċjenti; jinsisti li s-simplifikazzjoni ma tridx tikkompromettti l-kwalità tal-programm jew ir-responsabbiltà demokratika, u lanqas ma għandha tintuża bħala skuża biex jiġu mminati l-governanza f'diversi livelli u l-prinċipji tas-sħubija jew id-djalogu kostruttiv mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u mas-sħab soċjali, peress li jekk titqies l-applikazzjoni xierqa tagħhom tiżdied l-effettività tal-infiq tal-UE u din tkun essenzjali għas-suċċess tal-QFP; itenni t-tħassib tal-Qorti tal-Awdituri li l-approċċ tal-Kummissjoni se jwassal għal simplifikazzjoni fir-rigward tal-interazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Istati Membri, filwaqt li jżid jew jittrasferixxi l-piż amministrattiv għal-livelli nazzjonali, reġjonali u tal-benefiċjarji; jissottolinja li s-simplifikazzjoni se tirrikjedi, fejn possibbli, l-armonizzazzjoni tar-regoli u r-rekwiżiti ta' rapportar bejn il-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali; jisħaq li l-Parlament se jressaq il-mekkaniżmi ta' trasparenza kollha meħtieġa biex jaqdi r-rwol tiegħu bħala l-gwardjan tal-interessi taċ-ċittadini;

85. Jemmen li l-proposta attwali tal-PSNR tista' twassal għar-"rinazzjonalizzazzjoni" ta' xi politiki tal-UE, minħabba nuqqas ta' approċċ orizzontali u ż-żieda fil-flessibbiltà mogħtija lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni abbażi ta' approċċ nazzjonali; jitlob li jiġi żgurat li l-baġit jibqa' baġit ta' investiment, li jżomm enfasi fuq il-valur miżjud tal-UE u jiżgura approċċ orizzontali b'saħħtu;

86. Jissottolinja li l-użu mifrux ta' strumenti ta' flessibbiltà u bbażati fuq

il-prestazzjoni fil-QFP li jmiss irid ikun akkumpanjat minn governanza msaħħa f'diversi livelli; iqis li l-involviment sinifikanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll tas-sħab soċjali u ekonomiċi, fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni huwa essenzjali biex jikkontrobilanċja l-implimentazzjoni ċċentrata fuq il-Kummissjoni, inaqqas il-lakuna fir-responsabbiltà demokratika u jiżgura li l-infiq iwieġeb għall-ħtiġijiet territorjali reali; jinsisti li skrutinju adegwat mir-rappreżentanti eletti fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali, fejn rilevanti, għandu jakkumpanja tali strumenti u li r-rwol baġitarju u ta' kwittanza tal-Parlament għandu jiġi ppreservat;

87. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-hekk imsejjaħ mudell ibbażat fuq il-prestazzjoni, mibni fuq l-esperjenza tal-RRF, żvela dgħufijiet fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-effettività tagħha; jinnota bi tħassib li l-proposti tal-QFP jinkludu użu mifrux ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet (FNLC) għal porzjon sostanzjali tal-istrumenti fl-ambitu tal-QFP li jmiss; jinsab imħasseb ħafna dwar bidla kbira bħal din lejn mudell ġdid ta' implimentazzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li mingħajr salvagwardji adegwati biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni jew passi ċari biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fi strumenti preċedenti jew eżistenti bbażati fuq il-prestazzjoni, dan l-approċċ jinvolvi riskji sostanzjali u jdgħajjef il-possibbiltà ta' awditjar; jissottolinja li jeħtieġ li tinstab soluzzjoni biex jiġu indirizzati d-diverġenzi bejn l-istimi tal-kostijiet marbuta mal-istadji importanti u l-miri u l-kostijiet reali tal-proġetti, peress li dan l-allinjament ħażin jirriskja li jdgħajjef l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet politiċi maqbula madwar l-Unjoni kollha; iqis li kwalunkwe żieda possibbli fl-effiċjenzi ma tistax issir għad-detriment tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jissottolinja, b'mod partikolari, li proġetti fuq skala kbira u kumplessi għandhom jibqgħu bbażati fuq il-kostijiet, peress li l-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien u l-finanzjament f'diversi livelli tagħhom jirrikjedu rapportar finanzjarju dettaljat u data verifikabbli dwar in-nefqa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-obbligu ta' rendikont xierqa; jappella għall-użu kontinwu u estiż ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati, b'mod partikolari għal investimenti iżgħar jew fuq skala medja, bħala għodod effettivi u proporzjonati biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, tiżdied l-aċċessibbiltà għall-benefiċjarji iżgħar, u jinżammu l-obbligu ta' rendikont u t-traċċabbiltà fl-użu tal-fondi tal-Unjoni;

88. Jinsisti li d-data dwar l-ispejjeż imġarrba trid tibqa' disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza sabiex jiġu vverifikati l-effiċjenza u l-"valur għall-flus" fil-baġit tal-Unjoni; iwissi li, mingħajr trasparenza tal-kostijiet, l-iskrutinju parlamentari jirriskja li jsir eżerċizzju formalistiku li ma jkunx jista' jissalvagwardja l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura segwitu sistematiku għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri;

89. Jinsisti dwar il-ħtieġa ta' koerenza akbar fil-monitoraġġ u fl-

implimentazzjoni tal-programmi ta’ nfiq tal-UE u fl-integrazzjoni ta’ objettivi u impenji importanti tal-UE; jissottolinja li l-proposta għal Regolament dwar il-Prestazzjoni hija l-ewwel pass biex jiġi stabbilit qafas orizzontali għat-traċċar tan-nefqa u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni għall-baġit li għandu l-għan li jnaqqas il-piż amministrattiv; iqis li dan l-approċċ, jekk jiġi implimentat b’mod adegwat, jista’ jwassal għal sorveljanza demokratika msaħħa; jisħaq li inklużjoni komprensiva tal-prinċipji orizzontali f’qafas uniku tippermetti traċċar sinifikanti u tirrifletti aħjar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni; jinsisti li l-qafas ta’ prestazzjoni jrid jipprijoritizza l-indikaturi tal-impatt li jkejlu l-eżiti reali għaċ-ċittadini; jisħaq li r-Regolament propost dwar il-Prestazzjoni jrid jiżgura li l-indikaturi tar-rapportar ikunu obbligatorji fejn rilevanti u komparabbli fl-Istati Membri u fil-modi ta’ ġestjoni kollha; iwissi li mingħajr tali komparabbiltà, l-awtorità ta’ kwittanza ma tkunx tista’ tivvaluta l-effettività relattiva jew tidentifika programmi bi prestazzjoni baxxa; jissottolinja li l-indikaturi tal-prestazzjoni jridu jiġu derivati b’mod espliċitu mill-objettivi ta’ kull programm u għandhom ikopru l-outputs, l-eżiti u l-impatti; jenfasizza li n-nefqa relatata mal-klima trid tiġi integrata fil-QFP biex il-finanzjament u l-impatti tiegħu jiġu mmonitorjati u traċċati b’mod preċiż;

90. Jisħaq li l-baġit tal-UE għandu rwol vitali fl-appoġġ tal-valuri fundamentali tal-UE tad-demokrazija u l-pluraliżmu, minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jilqa’ l-istrateġija tal-UE għas-soċjetà ċivili ppubblikata reċentement, li tirrikonoxxi r-rwol importanti tal-OSĊ fl-għoti ta’ pariri, appoġġ u għarfien espert fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE; jissottolinja, f’dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament fit-tul, prevedibbli u sufiċjenti għall-OSĊ;

91. Ifakkar li, kif meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju, il-programmi u l-attivitajiet għandhom, fejn fattibbli u xieraq u f’konformità mar-regoli rilevanti speċifiċi għas-settur, jiġu implimentati biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti tagħhom filwaqt li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg skont id-dritt nazzjonali applikabbli, id-dritt tal-Unjoni, il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u l-ftehimiet kollettivi, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u mingħajr ma ssir ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali tal-Unjoni;

92. Jisħaq li l-finanzjament kollu jrid ikun konformi mal-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament għal attivitajiet relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u t-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni; ifakkar, f’dan ir-rigward, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta’ April 2025 dwar il-programm LIFE attwali;

Governanza baġitarja

93. Jinnota l-istruttura ġenerali ta’ erba’ intestaturi tal-QFP, kif proposti mill-Kummissjoni, li naqsu mis-seba’ intestaturi li hemm fil-QFP

attwali; jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas l-għadd ta' programmi tal-UE minn 60 għal 19, filwaqt li tintroduċi nuqqas ta' ċarezza bejn l-objettivi u n-nomenklatura baġitarja, u dan idgħajjef it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont; jisħaq li l-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-istruttura ta' dawn il-programmi l-ġodda tal-QFP se tiġi ddeterminata matul il-proċedura ta' kodeċiżjoni għall-atti leġiżlattivi settorjali rilevanti; jinsisti li n-nomenklatura baġitarja proposta u l-ammonti allokati għal kull linja baġitarja jridu jirriflettu l-objettivi speċifiċi kollha ta' u f'kull programm, bl-għan li jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevedibbiltà u l-obbligu ta' rendikont u li l-awtorità baġitarja tingħata l-informazzjoni meħtieġa biex tistabbilixxi l-baġit annwali u tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu;

94. Jiddeplora, f'dan ir-rigward, il-fatt li n-nomenklatura baġitarja proposta fil-leġiżlazzjoni settorjali hija tassew inadegwata; jissottolinja li s-simplifikazzjoni tal-istruttura baġitarja ma tridx issir għad-detriment tat-trasparenza jew tal-kapaċità tal-awtorità baġitarja li teżerċita skrutinju effiċjenti u tieħu deċiżjonijiet infurmati; jinsisti li n-nomenklatura trid tibqa' dettaljata biżżejjed biex tirrifletti l-objettivi tal-programm stabbiliti fl-atti bażiċi, tippreserva l-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-UE fl-objettivi u l-prijoritajiet ta' politika kollha, u tippermetti lill-Parlament jeżerċita bis-sħiħ ir-rwol ta' skrutinju tiegħu; jitlob nomenklatura aktar granulari li tippermetti proċedura baġitarja annwali sinifikanti, abbozzi ta' baġits emendatorji u proċedura ta' kwittanza; itenni li l-proċedura baġitarja annwali hija l-mekkaniżmu demokratiku ewlieni għall-allokazzjoni tal-fondi fi ħdan il-QFP;

95. Jinnota li t-trasferimenti baġitarji skont ir-Regolament Finanzjarju diġà jipprovdu flessibbiltà matul l-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq li l-Kummissjoni bħalissa tista' tittrasferixxi ammonti konsiderevoli bejn l-oqsma ta' politika mingħajr l-approvazzjoni tal-awtorità baġitarja, u dan jillimita s-sorveljanza; jitlob, fin-nuqqas ta' struttura tal-baġit dettaljata biżżejjed, regoli ġodda li jistabbilixxu kemm ammont massimu kif ukoll perċentwal għal kull linja baġitarja għat-trasferimenti mingħajr approvazzjoni; iqis li t-trasferimenti minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni taħt ċertu limitu jistgħu jiġu eżentati mill-proċedura ta' oġġezzjoni bħala miżura ta' simplifikazzjoni;

96. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza robusta li tiżgura l-obbligu ta' rendikont, is-sorveljanza u l-kontroll parlamentari, flimkien ma' arkitettura effettiva kontra l-frodi; iqajjem, barra minn hekk, tħassib dwar kif il-Kummissjoni se tikseb assigurazzjoni suffiċjenti fil-livell tal-UE dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa, u jfakkar li tali assigurazzjoni ċara hija indispensabbli biex il-Parlament jeżerċita r-rwol tiegħu bħala awtorità ta' kwittanza; jirrifjuta kwalunkwe approċċ li jillimita lill-Parlament għal rwol konsultattiv jew ta' informazzjoni biss fil-mobilizzazzjoni ta' kwalunkwe strument jew fond fl-ambitu tal-QFP li jmiss; jisħaq li l-flessibbiltà baġitarja ma tridx tevita l-prerogattivi tal-awtorità baġitarja u li r-riallokazzjonijiet, ir-riprogrammazzjoni u l-mobilizzazzjoni kollha ta'

miżuri u riżervi oħra jridu jkunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Parlament; iqis li flessibbiltà ġenwina tirrikjedi kemm kapaċità ta' rispons rapidu kif ukoll leġittimità demokratika, li jistgħu jinkisbu biss permezz tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-Parlament fid-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni u l-użu tar-riżorsi;

97. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' prevedibbiltà fil-finanzjament tal-UE li għandu mnejn jirriżulta minn mekkaniżmi ta' flessibbiltà eċċessivi u riallokazzjonijiet rikorrenti; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' flessibbiltà msaħħa fl-allokazzjoni tar-riżorsi f'ċerti programmi, iżda jisħaq li dan ma jridx jikkomprommetti l-objettivi ta' politika fit-tul, il-prevedibbiltà tal-finanzjament jew il-prerogattivi tal-Parlament; jissottolinja li filwaqt li l-QFP attwali sofra minn flessibbiltà insuffiċjenti biex jaġġusta għall-prijoritajiet li qed jevolvu, il-QFP li jmiss irid isib bilanċ aħjar bejn il-prevedibbiltà u l-adattabbiltà tal-investiment; jenfasizza li ċerti oqsma ta' politika jirrikjedu stabbiltà ta' finanzjament akbar minn oħrajn; jirrifjuta bil-qawwa r-riallokazzjonijiet rikorrenti bħala mezz biex jiġu ffinanzjati l-prijoritajiet tal-Unjoni, peress li jdgħajfu l-implimentazzjoni tal-programm u jipperikolaw it-twettiq tal-objettivi ta' politika miftiehma;

98. Jinnota ż-żieda proposta fit-teħid u l-għoti b'self fl-ambitu tal-QFP li jmiss; iqis li l-awtorità baġitarja jeħtiġilha timmonitorja bir-reqqa l-impatt ta' dan l-approċċ fuq il-marġni ta' manuvra tal-QFP jew garanziji oħra; jeżiġi li l-operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self jirrispettaw is-setgħat tal-koleġiżlaturi u tal-awtorità baġitarja;

99. Itenni l-appell tiegħu għal sħubija ta' investiment imsaħħa mal-Grupp tal-BEI biex jiġi ingranat il-baġit tal-UE, jiġi mobilizzat l-investiment privat u jitneħħa r-riskju minn oqsma ta' politika importanti bħall-klima, il-kompetittività, l-akkomodazzjoni, l-intraprenditorija soċjali, u l-innovazzjoni, id-difiża u d-dimensjoni esterna; jisħaq li dan u sħubijiet simili ma' sħab oħra ta' implimentazzjoni li jingranaw il-baġit tal-UE fl-oqsma kollha ta' politika u jneħħu r-riskji tal-investiment fejn rilevanti, għandhom iżommu strumenti mfassla apposta biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-SMEs, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-konsorzji transfruntiera, filwaqt li jiżguraw governanza robusta, trasparenza u valur miżjud tal-Unjoni; itenni l-importanza ta' finanzjament adegwat għall-assistenza teknika, żviluppata b'mod konġunt mill-BEI u mill-Kummissjoni, għall-awtoritajiet ta' implimentazzjoni sabiex jgħinu jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha u l-addizzjonalità tal-investimenti, b'mod partikolari permezz tal-bini tal-kapaċità amministrattiva u l-iżvilupp ta' riżervi ta' investiment, u jitlob finanzjament adegwat biex jiġi żgurat l-impatt kontinwu;

100. Itenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan li l-infiq kollu fil-livell tal-UE għandu jinġieb fl-ambitu tal-awtorità baġitarja, biex b'hekk jiġu żgurati l-kontroll demokratiku, it-trasparenza u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

Governanza leġiżlattiva

101. Jenfasizza li, fl-interess li tiġi żgurata l-approvazzjoni tal-Parlament, kull aspett tal-QFP, speċjalment l-elementi baġitarji, għandu jitqies bħala pakkett u jkun soġġett għal negozjati ġenwini; itenni l-oġġezzjoni tiegħu dwar kif ġew adottati r-Regolamenti QFP attwali u preċedenti, fejn il-Kunsill Ewropew qabeż ir-rwol tiegħu billi ddetermina minn qabel diversi elementi bħal pakketti finanzjarji u dispożizzjonijiet speċifiċi għall-politika, u b'hekk kiser id-dispożizzjonijiet tat-Trattat kemm fis-sustanza kif ukoll fl-intenzjoni; jesprimi tħassib serju li l-"kaxxi ta' negozjar" preliminari mħejjija mill-presidenza tal-Kunsill jirreplikaw din il-metodoloġija difettuża, u jinkorporaw kwistjonijiet li jappartjenu għall-proċedura ta' kodeċiżjoni meta tiġi stabbilita leġiżlazzjoni ġdida tal-UE dwar il-programmi;

102. Jesprimi tħassib serju dwar il-karatteristiċi usa' tat-tfassil tal-programmi u l-proposti settorjali li jċaqilqu d-deċiżjonijiet politiċi u baġitarji essenzjali mill-att bażiku għall-programmi ta' ħidma, u b'hekk idgħajfu b'mod sinifikanti r-rwol leġiżlattiv tal-Parlament; joġġezzjona bil-qawwa għat-trasferiment ta' elementi leġiżlattivi lil hinn mir-regolamenti settorjali, li jeskludi lill-Parlament minn deċiżjonijiet li bħalissa jittieħdu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u joħloq inċertezza legali għall-benefiċjarji;

103. Jinsisti li l-għażliet ta' politika sostantivi kollha bħall-objettivi tal-programm, il-prijoritajiet ta' nfiq, l-allokazzjonijiet finanzjarji, ir-rati ta' finanzjament, l-eliġibbiltà, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti, il-kundizzjonijiet, id-definizzjonijiet u l-metodi ta' kalkolu jridu jiġu ddeterminati fl-atti bażiċi rilevanti, b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Parlament bħala koleġiżlatur u awtorità baġitarja u mhux fil-programm ta' ħidma jew awtorizzazzjonijiet simili; jeżiġi li l-għażliet ta' politika, l-objettivi u l-aspetti ta' governanza jiġu deċiżi fl-atti bażiċi u li kwalunkwe element supplimentari u mhux essenzjali li mhuwiex inkluż fl-att bażiku jiġi adottat esklużivament permezz ta' atti delegati, filwaqt li jirrifjuta kwalunkwe użu ta' atti ta' implimentazzjoni jew proċeduri oħra li mhumiex soġġetti għall-approvazzjoni tal-Parlament; jirrikjedi, f'dan ir-rigward, li l-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali kollha jiġu adottati permezz ta' atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE, biex jiġi żgurat l-involviment sistematiku tal-Parlament fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' politika u l-iskrutinju; jirrifjuta kategorikament kwalunkwe tentattiv biex deċiżjonijiet strateġiċi ta' politika jiġu relegati għal proċeduri ta' kumitat jew arranġamenti oħra; iwissi li l-Parlament mhu se jaċċetta l-ebda proposta li tonqos milli tiggarantixxi s-setgħat leġiżlattivi u ta' sorveljanza sħaħ tiegħu; jisħaq li t-tnaqqis tal-livell ta' dettall fl-atti bażiċi jwassal biex għażliet ta' politika importanti jiġu trasferiti għall-fażi ta' implimentazzjoni, u b'hekk idgħajjef r-responsabbiltà demokratika u jemarġina r-rwol tal-Parlament fid-deċiżjonijiet politiċi, b'implikazzjonijiet ta' politika u baġitarji sinifikanti;

104. Jisħaq li l-ambitu wiesa' tal-objettivi fir-regolamenti settorjali proposti jirrikjedi proċedura ta' valutazzjoni riveduta għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji biex jiġi ssalvagwardjat id-dritt ta' inizjattiva diġà limitat tal-Parlament; iqis li kriterji aktar ċari u proċeduri simplifikati huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-Parlament ikun jista' jkompli jniedi azzjonijiet innovattivi u jittestja approċċi ta' politika ġodda fl-intestaturi 1,2 u 3; jinsisti li t-twessigħ tal-ambitu tal-programmi ma jridx inaqqas il-kapaċità tal-Parlament li jipproponi proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji f'oqsma ta' politika speċifiċi;

Rispett għall-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali

105. Jissottolinja li l-konformità mal-valuri u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni hija prerekwiżit essenzjali għall-aċċess għall-fondi tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' rabtiet kontinwi bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-aċċess għall-fondi tal-UE fl-ambitu tal-QFP 2021-2027; jemmen li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni hija marbuta b'mod intrinsiku mar-rispett għall-istat tad-dritt u l-valuri tal-Unjoni; jisħaq li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt[11] kien għodda ewlenija għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni minn ksur tal-istat tad-dritt, u li għandu jiġi applikat kull meta l-kundizzjonijiet legali tiegħu jiġu ssodisfati fil-baġit kollu tal-UE, inklużi l-istrumenti bbażati fuq il-prestazzjoni kif ukoll finanzjament ipprovdut skont l-Artikolu 122 tat-TFUE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw ir-regolament b'mod strett u konsistenti, u jieħdu miżuri mingħajr dewmien żejjed kull meta jkun meħtieġ;

106. Jinsisti li fil-QFP li jmiss, sett ta' għodod tal-valuri tal-Unjoni koerenti u bla xkiel għandu jkopri d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-fondi kollha tal-UE; jinsab imħasseb dwar it-trikkib mal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità introdott, b'mod partikolari mill-PSNR, u jitlob qafas unifikat, koerenti u komprensiv fil-programmi kollha ta' finanzjament tal-UE, f'koerenza sħiħa mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, li jkopri kemm il-kundizzjonijiet abilitanti li jridu jiġu ssodisfati sabiex jiġi aċċessat il-finanzjament tal-UE, kif ukoll miżuri biex jinżammu l-fondi meta l-kundizzjonijiet rilevanti ma jibqgħux jiġu ssodisfati; jitlob lill-Kummissjoni tikkonsolida l-għodod kollha tal-istat tad-dritt f'qafas unifikat u komprensiv li jipprovdi kriterji ċari, oġġettivi u trasparenti għall-applikazzjoni u l-mod li bih il-Kummissjoni se tiżgura l-koordinazzjoni fost dawn l-għodod;

107. Jeżiġi li l-fondi tal-Unjoni jinżammu meta r-rekwiżiti essenzjali ma jiġux issodisfati u li l-fondi ffriżati jiġu rilaxxati biss lill-Istati Membri kkonċernati ladarba jkunu implimentaw bis-sħiħ riformi sinifikattivi u jkunu wrew b'mod verifikabbli l-konformità mal-istat tad-dritt fil-

---

11 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj).

prattika u b'mod koerenti mas-sejbiet tar-rapporti tal-istat tad-dritt; jisħaq li d-deċiżjonijiet biex il-finanzjament tal-Unjoni jiġi sospiż jew imnaqqas minħabba ksur tal-istat tad-dritt iridu jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, applikati b'mod konsistenti u ma jridux ikunu ggwidati minn kunsiderazzjonijiet oħra jew ikunu l-eżitu ta' negozjati;

108. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni tipproponi, fil-kuntest tal-PSNR, il-possibbiltà li l-finanzjament li jiġi diżimpenjat minħabba nuqqas ta' miżuri ta' rimedju b'rispons għal ksur identifikat tal-istat tad-dritt skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jerġa' jsir disponibbli għall-programmi b'ġestjoni diretta jew indiretta; jeżiġi kjarifika dwar kif tali ammonti diżimpenjati jistgħu jiġu diretti lejn programmi oħra u jitlob il-projbizzjoni tar-ridistribuzzjoni ta' fondi ffriżati; jinsisti li d-deċiżjoni li jintużaw fondi diżimpenjati hija prerogattiva tal-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali u ma għandhiex titħalla għad-diskrezzjoni tal-Kummissjoni;

109. Jisħaq li huwa meħtieġ approċċ robust biex jiġi żgurat li riċevituri finali u benefiċjarji leġittimi ma jiġux ippenalizzati minħabba li l-fondi tal-UE għall-gvern tagħhom ġew sospiżi bħala riżultat ta' ksur tal-istat tad-dritt; jisħaq li dan il-prinċipju jinsab fil-qalba ta' approċċ ta' kundizzjonalità aktar intelliġenti;

Kwistjonijiet relatati mal-FII

110. Jenfasizza li mekkaniżmu ta' tmexxija mhu se jikkumpensa għall-ebda telf tas-setgħat leġiżlattivi jew baġitarji tal-Parlament; jissottolinja li l-baġit annwali għandu jirrifletti l-prijoritajiet u l-pjanijiet ta' politika miftiehma mill-koleġiżlaturi; jinsisti li l-kisba ta' governanza baġitarja tajba u l-preżervazzjoni tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja huma prerekwiżiti essenzjali biex il-proċedura baġitarja annwali ssir aktar sinifikattiva u li kwalunkwe mekkaniżmu ta' tmexxija jista' jiffunzjona biss jekk il-pedamenti bażiċi jkunu stabbiliti;

111. Jirrifjuta kwalunkwe arranġament li jillimita l-libertà tal-awtorità baġitarja li tieħu deċiżjonijiet awtonomi dwar il-prijoritajiet u l-allokazzjonijiet baġitarji; jopponi bil-qawwa kwalunkwe mekkaniżmu li jippermetti lill-Kummissjoni tiddetermina minn qabel l-għażliet baġitarji permezz ta' valutazzjonijiet tekniċi; jirrifjuta kategorikament kwalunkwe possibbiltà li l-Kunsill Ewropew jinfluwenza l-proċedura baġitarja annwali permezz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, peress li dan jikkostitwixxi ksur ċar tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u jdgħajjef l-bilanċ istituzzjonali stabbilit għat-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji; ifakkar li r-Regolament Finanzjarju diġà jipprevedi l-possibbiltà li jitneħħew ir-riżervi baġitarji; jitlob li jkun hemm koordinazzjoni sistematika mill-Kummissjoni mal-awtorità baġitarja qabel ma jittieħed kwalunkwe impenn volontarju dwar l-użu tal-flessibbiltà integrata, u li kwalunkwe mobilizzazzjoni tiġi approvata b'deċiżjoni tal-awtorità baġitarja;

112. Jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni tipproponi li żżid id-devjazzjoni mill-ammonti indikattivi fil-leġiżlazzjoni settorjali mill-15 % attwali għal 20 % fil-ftehim Interistituzzjonali (FII)[12]; jissottolinja li din iż-żieda proposta, flimkien mal-fużjoni tal-programmi u baġits sostanzjalment akbar għal kull programm, toħloq potenzjal sinifikanti għal modifiki mingħajr l-involviment tal-koleġiżlaturi; jesprimi riżervi serji dwar l-effett kumulattiv ta' dawn il-bidliet fuq is-sorveljanza demokratika u l-bilanċ tas-setgħat istituzzjonali; iqis li tali espansjoni tal-flessibbiltà eżekuttiva ddgħajjef il-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jitlob, għalhekk, li d-devjazzjoni massima mill-ammonti indikattivi tkun limitata għal 5 % matul id-durata kollha tal-programmi, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament QFP u tal-FII, filwaqt li jiġi żgurat li kwalunkwe riallokazzjoni baġitarja sostanzjali tibqa' soġġetta għal skrutinju demokratiku xieraq u teħid ta' deċiżjonijiet koleġiżlattivi; jinsisti li dan il-limitu mnaqqas iżomm il-flessibbiltà operazzjonali meħtieġa filwaqt li jippreżerva r-rwol essenzjali tal-Parlament fis-sorveljanza baġitarja;

113. Jenfasizza l-importanza li jinżamm id-djalogu interistituzzjonali regolari dwar ir-riżorsi proprji u jappella għal frekwenza ogħla ta' laqgħat;

114. Jipproponi li jiġi inkluż anness iddedikat dwar il-kooperazzjoni rigward ir-reġim ta' kundizzjonalità; jemmen, f'dan il-kuntest, li djalogu regolari bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali rigward il-protezzjoni tal-baġit tal-UE, fir-rigward tal-istat tad-dritt, ikun mod effettiv kif tittejjeb il-koordinazzjoni tas-sett ta' għodod tal-istat tad-dritt;

Riżorsi proprji

115. Jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-Parlament għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda biex jiġi żgurat finanzjament fit-tul sostenibbli u prevedibbli tal-baġit tal-UE; itenni l-ħtieġa ta' dħul sostenibbli u reżiljenti għall-baġit tal-Unjoni li għandu jaqbel man-naħa tan-nefqa, biex b'hekk jiġu żgurati l-istabbiltà baġitarja, l-effiċjenza u d-dixxiplina fiskali u b'hekk l-Unjoni tkun tista' tindirizza l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħha;

116. Itenni t-talba li ilu jagħmel għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda u ġenwini, mhux biss għall-ħlas lura tad-dejn tan-Next Generation EU iżda wkoll biex jiġu ffinanzjati l-ambizzjonijiet politiċi msaħħa tal-Unjoni; jesprimi l-konvinzjoni kontinwa tiegħu li l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġenwini ġodda għall-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni hija indispensabbli; ifakkar li, mingħajr riżorsi ġodda, il-piż finanzjarju inevitabbilment se jaqa' fuq l-Istati Membri fil-forma ta' żieda fil-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING; iqis, għalhekk, li l-introduzzjoni ta' flussi ġodda ġenwini ta' dħul ta' mill-

---

12 (COM(2025)0572).

anqas EUR 60 biljun fis-sena hija kundizzjoni essenzjali għal QFP 2028-2034 ambizzjuż;

117. Jinsab ferm imħasseb dwar in-nuqqas totali ta' progress dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji fil-Kunsill mill-2020; jissottolinja li, fi żminijiet ta' restrizzjonijiet baġitarji, riżorsi proprji ġodda ġenwini huma t-tweġiba meħtieġa biex jiġu ffinanzjati politiki tal-Unjoni li ilhom jeżistu u ġodda u l-investimenti tant meħtieġa fl-UE;

118. Jafferma mill-ġdid il-kritika tiegħu li ilu jħaddan li t-tfassil u n-negozjar tal-baġit ibbażat fuq il-prinċipju ta' "juste retour" inevitabbilment se jirriżultaw f'valur miżjud imnaqqas tal-UE, peress li dan inaqqas il-ġustifikazzjoni biex ninvestu flimkien f'beni pubbliċi komuni u Ewropej; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, il-merti tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING, fid-dawl tal-funzjoni ta' bbilanċjar affidabbli tagħha; jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jżommu lura milli jtawlu kwalunkwe tnaqqis ta' somma f'daqqa, u joħolqu bilanċ baġitarju ġenerali ekwu għal kulħadd billi jiffukaw fuq is-sinerġiji u l-valur miżjud tal-UE fi spirtu ta' solidarjetà u jiffavorixxu trasparenza akbar;

119. Ifakkar li d-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji tirrikjedi unanimità fil-Kunsill, konsultazzjoni mal-Parlament, u ratifika nazzjonali mill-Istati Membri kollha; jisħaq li kwalunkwe basket ta' riżorsi proprji ġodda jrid jitqies bħala ġust biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-implimentazzjoni ta' tali flussi ta' dħul tippenalizza b'mod sproporzjonat lil ċerti Stati Membri;

120. Iqis li, fid-dawl tal-isfidi bla preċedent li jirrikjedu żidiet sostanzjali fl-investiment f'diversi oqsma ta' politika fil-perjodu tal-QFP li jmiss, il-bażi tad-dħul tal-baġit tal-UE trid titwessa', tissaħħaħ, tiġi diversifikata u modernizzata b'manjiera debitament ġustifikata; jinsisti li, għal dan l-għan, ir-riżorsi proprji eżistenti għandhom jiġu aġġustati u aġġornati, u għandhom jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda mingħajr aktar dewmien; iqis, barra minn hekk, li d-dħul għajr ir-riżorsi proprji għandu jkun ingredjent essenzjali għat-taħlita ta' sorsi ta' introjtu, u operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self definiti sew li l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw tagħhom ikunu koperti b'mod sikur mill-marġni ta' manuvra taħt il-limiti massimi tar-riżorsi proprji għandhom jibqgħu għażla ta' riżerva azzjonabbli, tal-anqas fi żminijiet ta' kriżijiet mhux previsti;

121. Ifakkar fl-obbligu legali u r-responsabbiltà politika għall-ħlas lura f'waqtu tad-dejn tan-Next Generation EU; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-ħlas lura tad-dejn tan-Next Generation EU għandu jkompli jiġi ġestit b'mod prudenti u flessibbli, inkluż, fejn possibbli, permezz ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament, sabiex tiġi minimizzata l-pressjoni fuq il-QFP u l-programmi tiegħu għall-2028-2034;

122. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tidentifika riżorsi proprji ġodda u

tressaq ċerti kalibrazzjonijiet għar-riżorsi proprji tradizzjonali, bħad-dazji tad-dwana, bil-ħsieb li ssaħħaħ l-awtonomija finanzjarja tal-Unjoni u titnaqqas id-dipendenza fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali, u b'hekk tiżgura l-finanzjament futur tal-baġit tal-Unjoni; jappoġġja l-approċċ ta' basket usa' propost mill-Kummissjoni peress li dan jirrappreżenta perkors realistiku biex jiġi żgurat l-appoġġ meħtieġ fil-Kunsill; jieħu nota tad-diversi tipi ta' riżorsi proprji proposti; jissottolinja bil-qawwa, madankollu, li kwalunkwe basket ta' riżorsi proprji ġodda jrid jiġi adottat fl-istess mument tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u jrid jiġġenera fluss stabbli u suffiċjenti ta' dħul ta' mill-anqas madwar EUR 60 biljun fis-sena, peress li dan il-livell huwa essenzjali biex jiġi żgurat ripagament kostanti tas-self meħud fl-ambitu tan-Next Generation EU, jiġu ssodisfati l-impenji tal-Unjoni u jiġi ffinanzjat investiment konġunt fil-beni pubbliċi Ewropej; jistieden lill-Kunsill jilħaq ftehim malajr dwar riżorsi proprji ġodda sabiex jipprovdi ċertezza baġitarja fit-tul;

123. Jitlob li, jekk il-Kunsill jelimina ċerti elementi tal-basket, huwa għandu jissostitwixxi d-distakk li jirriżulta b'żieda fir-rati ta' ġbir għal sorsi oħra jew billi jissostitwihom b'sors ieħor; jenfasizza li s-sorsi l-ġodda ma għandhomx jagħmlu ħsara lill-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew lill-kompetittività tal-UE fis-sħuħija tagħha; iqis li d-dħul li jista' jiġi ġġenerat permezz ta', fost l-oħrajn, imposta fuq is-servizzi diġitali mmirata lejn il-pjattaformi diġitali ewlenin, imposta fuq is-servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri online, l-estensjoni tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, u imposta bbażata fuq rata uniformi ta' ġbir fuq il-qligħ kapitali mill-kriptoassi għandhom kollha jiġu esplorati bħala soluzzjonijiet possibbli jekk riżorsi proprji proposti oħra ma jiksbux appoġġ fost l-Istati Membri, sabiex jiġu żgurati l-ġustizzja fiskali u livell ta' dħul li jkun proporzjonat mal-ħtiġijiet;

124. Iqis li s-self konġunt jippreżenta għażla vijabbli li toffri lill-Unjoni l-kapaċità li tirrispondi malajr għal żviluppi mhux mistennija u tiffaċilita l-finanzjament f'waqtu tal-politiki tal-UE b'valur miżjud tal-UE ċar; jenfasizza li tali għażla għandha tkun konformi għall-aħħar mal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE għall-beni pubbliċi Ewropej, jew tiffaċilita l-investiment fi proġetti transfruntiera jew pan-Ewropej li jagħtu spinta lill-potenzjal tat-tkabbir tal-UE;

125. Jissottolinja l-importanza tal-proposta tal-Kummissjoni għal tip ġdid ta' mekkaniżmu għall-kriżijiet bbażat fuq self straordinarju appoġġjat minn marġni ta' manuvra addizzjonali taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u ankrat fil-klassifikazzjoni tal-kreditu konsistentement eċċellenti tal-baġit tal-UE; jinnota li dan l-istrument huwa marbut biż-żmien, soġġett għal kriterji definiti minn qabel u limitat fil-fini, fl-ambitu u fid-daqs tiegħu, u delimitat mill-kompartiment dedikat addizzjonali disponibbli għall-marġni ta' manuvra; jinnota, barra minn hekk, li l-istrument se jippermetti lill-Unjoni timmobilizza sa EUR 395 biljun f'self lill-Istati Membri meta jseħħu kriżijiet severi, tbatija severa jew theddid serju tagħhom matul il-perjodu 2028-2034;

jesprimi sodisfazzjon li l-mekkaniżmu propost ma jkunx ibbażat fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE, li jeskludi lill-Parlament bħal f'istanzi preċedenti, iżda fuq regolament tal-Kunsill skont l-Artikolu 311(4) tat-TFUE, li jirrikjedi l-approvazzjoni tal-Parlament, u b'hekk jiżgura bilanċ istituzzjonali u obbligu ta' rendikont proċedurali;

126. Iqis li dan il-mekkaniżmu jista' jkun għodda ulterjuri fil-livell tal-UE biex jirrispondi malajr u b'mod effettiv għall-ħtiġijiet li qed jiżdiedu, kif irrakkomandat ripetutament minn Mario Draghi, kif ukoll għal żviluppi imprevedibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw l-esperjenza miksuba min-Next Generation EU biex jiffinanzjaw u jimplimentaw investimenti strateġiċi futuri tal-UE;

127. Jiddikjara li se japprova biss baġit fit-tul, inkluż dħul xieraq u sostenibbli, li jkun adattat għall-iskop tiegħu għall-Unjoni f'dinja li qed tinbidel;

Emendi għar-Regolament QFP

128. Jitlob lill-Kummissjoni tqis il-modifiki li ġejjin:

Il-proposta għal regolament tal-Kunsill għandha tiġi modifikata kif ġej:

Modifika 1

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(13) Strumenti speċjali mhux tematiċi huma meħtieġa biex jipprovdu flessibbiltà favur kwalunkwe intestatura tal-QFP skont il-ħtiġijiet, u biex jiffaċilitaw il-proċedura baġitarja. L-Istrument ta' Marġini Uniku jenħtieġ li jippermetti t-trasferiment tal-marġnijiet disponibbli taħt il-limiti massimi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, rispettivament, bejn is-snin finanzjarji u, għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, bejn l-intestaturi tal-QFP, mingħajr ma jinqabżu l-ammonti totali tal-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-perjodu kollu tal-QFP. F'konformità mal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-ibbaġitjar prudenti, il-mobilizzazzjoni tal-ammonti ta' marġnijiet mis-snin finanzjarji attwali u futuri jenħtieġ li tkun l-aħħar istanza.	***imħassar***

Modifika 2

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	(***13a***) ***Minħabba l-inċertezza madwar l-evoluzzjoni futura tar-rati tal-imgħax u sabiex jiġu evitati pressjonijiet bla bżonn fuq il-programmi tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi stabbilit strument speċjali tematiku, l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI), biex ikopri l-ħlas lura tal-kapital u l-kostijiet ta' finanzjament relatati man-NextGenerationEU. Jenħtieġ li l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti meħtieġa fil-baġit tal-Unjoni jkunu disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.***

Modifika 3

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(14) L-Istrument ta' Flessibbiltà jenħtieġ li jkun disponibbli biex jippermetti l-finanzjament ta' nefqa speċifika mhux prevista għal sena finanzjarja partikolari. L-Istrument ta' Flessibbiltà jenħtieġ li jkun kostitwit minn ammont fiss, kif ukoll minn ammonti ekwivalenti għad-dħul miġbur skont l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, bħal multi, penali oħra, sanzjonijiet u kwalunkwe imgħax dovut jew introjtu ieħor iġġenerat minnhom impost mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ***u*** ammonti ekwivalenti għad-diżimpenji tal-approprjazzjonijiet, għajr id-dħul assenjat estern, bl-esklużjoni tal-	(14) L-Istrument ta' Flessibbiltà jenħtieġ li jkun disponibbli biex jippermetti l-finanzjament ta' nefqa speċifika mhux prevista għal sena finanzjarja partikolari. L-Istrument ta' Flessibbiltà jenħtieġ li jkun kostitwit minn ammont fiss, kif ukoll minn ammonti ekwivalenti għad-dħul miġbur skont l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, bħal multi, penali oħra, sanzjonijiet u kwalunkwe imgħax dovut jew introjtu ieħor iġġenerat minnhom impost mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ammonti ekwivalenti għad-diżimpenji tal-approprjazzjonijiet, għajr id-dħul assenjat estern, bl-esklużjoni tal-

ammonti li jerġgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'konformità mar-regoli speċifiċi dwar it-tqegħid mill-ġdid għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-diżimpenji.	ammonti li jerġgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'konformità mar-regoli speċifiċi dwar it-tqegħid mill-ġdid għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-diżimpenji***, il-marġnijiet li jkunu tħallew disponibbli mis-snin preċedenti, is-surplus annwali, kif ukoll fondi rimborżati minn strumenti finanzjarji, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-programmi. Meta jkun meħtieġ u bħala l-aħħar alternattiva, jenħtieġ li jkun possibbli, fil-proċedura baġitarja annwali, li jiżdied l-ammont tal-Istrument ta' Flessibbiltà b'ammont li jkun ikkumpensat bis-sħiħ mill-marġni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn jew ta' pagament f'intestatura waħda jew aktar tal-QFP għas-sena finanzjarja inkwistjoni jew snin finanzjarji futuri.***

Modifika 4

Proposta għal regolament
Kapitolu 1 – Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
2. Fejn ikun meħtieġ li jintużaw ir-riżorsi mill-istrumenti speċjali previsti fl-Artikoli 6 ***u*** 8, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti għandhom jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi rilevanti tal-QFP.	2. Fejn ikun meħtieġ li jintużaw ir-riżorsi mill-istrumenti speċjali previsti fl-Artikoli ***5a,*** 6***,*** 8 ***u 8a***, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti għandhom jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi rilevanti tal-QFP.
Fejn ikun meħtieġ li jintużaw ir-riżorsi mill-Istrument ta' Marġini Uniku kif stabbilit fl-Artikolu 7, l-	

approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu magħhom għandhom jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi rilevanti tal-QFP għal sena partikolari.

Modifika 5

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Artikolu 3a
	Marġni globali għall-pagamenti
	1. Kull sena, mill-2029 'il quddiem, bħala parti mill-aġġustament tekniku msemmi fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-limitu massimu għall-pagamenti għas-snin 2029-2034 'il fuq b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti mwettqa u l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP tas-sena n-1.
	2. Kwalunkwe aġġustament li jsir skont il-paragrafu 1 għandu jiġi kkumpensat bis-sħiħ bi tnaqqis korrispondenti tal-limitu massimu tal-pagamenti għas-sena n-1.

Modifika 6

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(c) kalkolu tal-Marġni Globali għall-Impenji kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-	***imħassar***

punt (a);

Modifika 7

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(d) kalkolu tal-aġġustament tal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt il-Marġni Globali għall-Pagamenti kif imsemmi fl-Artikolu ***7(1), il-punt (b)***;	(d) kalkolu tal-aġġustament tal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt il-Marġni Globali għall-Pagamenti kif imsemmi fl-Artikolu ***3a***;

Modifika 8

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(e) kalkolu tal-ammont massimu għall-Marġni ta' Kontinġenza msemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (c);	***imħassar***

Modifika 9

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – Artikolu 4 – paragrafu 1- punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(f) kalkolu tal-ammonti li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà skont l-Artikolu 8(2)***, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b)***.	(f) kalkolu tal-ammonti li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà skont l-Artikolu 8(2).

Modifika 10

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Artikolu 5a
	L-Istrument EURI
	1. L-Istrument EURI għandu jiġi mobilizzat biex jiffinanzja l-ħlas lura tal-kapital u tal-kosti ta' finanzjament dovuti fir-rigward tal-fondi mislufa fis-swieq kapitali f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.
	2. L-Istrument EURI għandu jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.

Modifika 11

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
1. Ir-Riżerva għall-Ukrajna tista' tiġi mobilizzata għall-iskop uniku ta' finanzjament tan-nefqa għall-Ukrajna skont ***ir-*** [Regolament (UE) XXXX/XX] [Ewropa Globali].	1. Ir-Riżerva għall-Ukrajna tista' tiġi mobilizzata għall-iskop uniku ta' finanzjament***:***
	(a) tan-nefqa għall-Ukrajna skont ***ir-***[Regolament (UE) XXXX/XX] [Ewropa Globali] ***kif ukoll tan-nefqa għas-sussidji tar-rati tal-imgħax u s-sussidji tal-kostijiet tat-teħid b'self skont l-Artikoli 23 u 34 tar-Regolament (UE) 2024/792 [Faċilità għall-Ukrajna], l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2022/2463 [AMF+], l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 [AMF II] u l-***

	Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 [AMF I];
	(b) tan-nefqa skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2026/467 [ir-Regolament dwar is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna].
2. Ir-Riżerva għall-Ukrajna ***ma għandhiex taqbeż l-ammont ta'*** EUR 88,9 biljun fi prezzijiet tal-2025 għall-perjodu mill-2028 sal-2034. L-ammont annwali mobilizzat ***taħt ir-Riżerva għall-Ukrajna*** f'sena partikolari ma għandux jaqbeż l-EUR 13,5 biljun fi prezzijiet tal-2025. Il-porzjon mhux użat tal-ammont annwali f'sena partikolari jista' jintuża fis-snin ta' wara, sal-2034.	2. Ir-Riżerva għall-Ukrajna ***għandha tinkludi ammont li ma jaqbiżx*** EUR 88,9 biljun fi prezzijiet tal-2025 għall-perjodu mill-2028 sal-2034***, unikament għan-nefqa msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a)***. L-ammont annwali mobilizzat f'sena partikolari ma għandux jaqbeż l-EUR 13,5 biljun fi prezzijiet tal-2025. Il-porzjon mhux użat tal-ammont annwali f'sena partikolari jista' jintuża fis-snin ta' wara, sal-2034.
	3. Barra minn hekk, ir-Riżerva għall-Ukrajna għandha tinkludi wkoll ammont ta' EUR 26,2 biljun fi prezzijiet tal-2025 għall-perjodu mill-2028 sal-2034, unikament għan-nefqa msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b). Jekk id-disponibbiltajiet li jifdal f'sena partikolari ma jkunux biżżejjed biex ikopru s-sussidju għall-kostijiet tat-teħid b'self mitlub mill-Ukrajna skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2026/467 [ir-Regolament dwar is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna], kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri parteċipanti skont l-istess Regolament (UE) 2026/467 [ir-Regolament dwar is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna] għandhom jiġu assenjati fil-forma ta' dħul assenjat estern.

3. Ir-Riżerva għall-Ukrajna tista' tiġi mobilizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE.	***4.*** Ir-Riżerva għall-Ukrajna tista' tiġi mobilizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE.

Modifika 12

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Artikolu 7	***imħassar***
Strument ta' Marġini Uniku	
1. L-Istrument ta' Marġini Uniku għandu jinkludi:	
(a) mill-2029, ammonti li jikkorrispondu għal marġnijiet li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena n-1, li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2029 sa 2034 ("il-Marġni Globali għall-Impenji");	
(b) mill-2029, ammonti ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti eżegwiti u l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP tas-sena n-1 biex jiġi aġġustat 'il fuq il-limitu massimu tal-pagamenti għas-snin 2029 sa 2034 ("il-Marġni Globali għall-Pagamenti");	
(c) bħala strument tal-aħħar istanza, ammonti addizzjonali li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP f'sena partikolari għal	

approprjazzjonijiet ta' impenn jew ta' pagament, jew it-tnejn li huma, skont il-każ, dment li jiġu kkumpensati kollha mal-marġnijiet f'intestatura waħda jew aktar tal-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew is-snin finanzjarji futuri fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u jiġu kkumpensati kollha mal-marġnijiet taħt il-limitu massimu tal-pagamenti għas-snin finanzjarji futuri fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' pagament (il-"Marġni ta' Kontinġenza").

2. Il-Marġni Globali għall-Impenji jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE.

3. L-aġġustamenti 'l fuq taħt il-Marġni Globali għall-Pagamenti għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, mill-2029, bħala parti mill-aġġustament tekniku msemmi fl-Artikolu 4.

Kwalunkwe aġġustament 'il fuq taħt il-Marġni Globali għall-Pagamenti għandu jiġi kkumpensat bis-sħiħ bi tnaqqis korrispondenti tal-limitu massimu tal-pagamenti għas-sena n-1.

4. Il-Marġini ta' Kontinġenza jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE bħala strument tal-aħħar istanza biex jirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti.

L-ammonti jistgħu jiġu

mobilizzati biss taħt il-Marġni ta' Kontinġenza jekk l-ammonti disponibbli skont il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), kif applikabbli, ikunu insuffiċjenti.

Il-Marġini ta' Kontinġenza ma għandux jaqbeż, fi kwalunkwe sena partikolari, 0,04% tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni, kif ikkalkulat fl-aġġustament tekniku annwali msemmi fl-Artikolu 4.

L-ammonti kkumpensati ma għandhomx jiġu mobilizzati aktar fil-kuntest tal-QFP.

5. Rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku fi kwalunkwe sena partikolari għandu jkun konsistenti mal-limiti massimi tar-riżorsi proprji stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.

Modifika 13

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(b) ammont ekwivalenti għad-diżimpenji tal-approprjazzjonijiet, għajr id-dħul assenjat estern, li saru fis-sena n-2, bl-esklużjoni tal-ammonti ta' diżimpenji li reġgħu tqiegħdu għad-dispożizzjoni f'konformità mar-regoli speċifiċi dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ***u r-Regolament*** [(UE) XXXX/XX] [Fond ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali].	(b) ammont ekwivalenti għad-diżimpenji tal-approprjazzjonijiet, għajr id-dħul assenjat estern, li saru fis-sena n-2, bl-esklużjoni tal-ammonti ta' diżimpenji li reġgħu tqiegħdu għad-dispożizzjoni f'konformità mar-regoli speċifiċi dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509***, ir-Regolament*** [(UE) XXXX/XX] [Fond ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali]***, u r-Regolament [(UE) XXXX/XX] [Ewropa***

Globali].

Modifika 14

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	(ba) ammont li jikkorrispondi għal marġnijiet li tħallew disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-snin finanzjarji preċedenti;

Modifika 15

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	(bb) meta jkun hemm surplus fis-sena n-1, ammont ekwivalenti għal dak is-surplus, eskluż id-dħul kif imsemmi fil-punt (a).

Modifika 16

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Meta jkun meħtieġ u bħala l-aħħar alternattiva, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jżidu l-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu b'ammont li ma għandux jaqbeż f'sena partikolari 0,04 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni, kif ikkalkulat fl-aġġustament tekniku msemmi fl-Artikolu 4, u li għandu jiġi kkumpensat bis-sħiħ kontra l-marġni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn jew ta' pagament, jew it-tnejn li huma, f'intestatura waħda jew aktar tal-QFP għas-snin finanzjarji attwali jew futuri. L-ammonti li jiġu kkumpensati b'dak il-mod ma għandhomx jiġu mobilizzati aktar fil-kuntest tal-QFP u għandhom ikunu konsistenti mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji.

Modifika 17

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Il-Kummissjoni għandha tikkalkula kull sena, bħala parti mill-aġġustamenti tekniċi msemmija fl-Artikolu 4, l-ammonti disponibbli abbażi tal-ewwel ***subparagrafu, il-punti (a) u (b)*** ta' dan il-paragrafu.	Il-Kummissjoni għandha tikkalkula kull sena, bħala parti mill-aġġustamenti tekniċi msemmija fl-Artikolu 4, l-ammonti disponibbli abbażi tal-ewwel ***u t-tieni subparagrafi*** ta' dan il-paragrafu.

Modifika 18

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 8 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Artikolu 8a
	Riżerva ta' Solidarjetà għal Diżastri Naturali
	1. ***Ir-Riżerva ta' Solidarjetà għal Diżastri Naturali tista' tintuża bħala l-aħħar alternattiva biex tiffinanzja reazzjonijiet għal ħtiġijiet speċifiċi fl-Unjoni għal reazzjonijiet ta' emerġenza u operazzjonijiet ta' appoġġ b'segwitu ta' ħsara diretta kkawżata b'konsegwenza diretta ta' diżastru naturali.***
	2. ***Ir-Riżerva ta' Solidarjetà għal Diżastri Naturali ma għandhiex taqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 4 biljun (fi prezzijiet tal-2025). Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mhux użat fis-sena n jista' jintuża fis-snin ta' wara sal-2034.***
	Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart tal-ammont annwali tar-Riżerva ta' Solidarjetà għal Diżastri Naturali għandu jibqa' disponibbli sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu sal-aħħar tas-sena.
	F'każijiet eċċezzjonali u jekk ir-riżorsi finanzjarji li jifdal disponibbli ma jkunux biżżejjed biex jiġu koperti l-ammonti meqjusa bħala neċessarji fis-sena meta jkun seħħ event kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tipproponi li d-differenza tiġi ffinanzjata permezz tal-ammonti annwali msemmi fil-paragrafu 2 disponibbli fis-

	sena ta' wara, sa ammont massimu ta' EUR 1 biljun (fi prezzijiet tal-2025).
	3. L-approprjazzjonijiet għar-Riżerva ta' Solidarjetà għal Diżastri Naturali għandhom jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dispożizzjoni.

Modifika 19

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Reviżjoni tal-QFP biex tiġi żgurata l-konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji	***Rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP***

Modifika 20

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	1a. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2031, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP. Dan ir-rieżami obbligatorju għandu, kif xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament. Il-pakketti nazzjonali allokati minn qabel skont ir-Regolament XXXX/2027 [PSNR] ma għandhomx jitnaqqsu permezz ta' tali reviżjoni.

Modifika 21

Proposta għal regolament
Kapitolu 5 – Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Sal-1 ta' Lulju 2033, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid.	***Sal-1 ta' Lulju 2032***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid.

Emendi għall-IIA

129. Jisħaq li, bħala riżultat tan-negozjar u tal-adozzjoni ta' Regolament QFP ġdid, il-proposta għal Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba għandha tiġi mmodifikata kif ġej:

Modifika 22

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
FTEHIM INTERISTITUZZJONALI	FTEHIM INTERISTITUZZJONALI
bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea ***dwar dixxiplina baġitarja***, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba	bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba

Modifika 23

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
1. L-iskop ta'dan il-Ftehim, li ġie adottat skont l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa	1. L-iskop ta'dan il-Ftehim, li ġie adottat skont l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa

li ***jimplimenta d-dixxiplina baġitarja u*** jtejjeb il-funzjonament tal-proċedura baġitarja annwali u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet dwar kwistjonijiet baġitarji kif ukoll sabiex jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba.	li jtejjeb il-funzjonament tal-proċedura baġitarja annwali u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet dwar kwistjonijiet baġitarji kif ukoll sabiex jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba.

Modifika 24

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima A – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
7. F'konformità mal-Artikolu 312(5) TFUE, l-Istituzzjonijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' QFP ġdid jew reviżjoni tiegħu, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali msemmija fl-Artikolu 312(2) TFUE. Tali miżuri ***ser*** jinkludu laqgħat regolari u skambju ta' informazzjoni bejn il-Parlament Ewropew ***u l-Kunsill u***, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, laqgħat tal-Presidenti tal-istituzzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 324 TFUE sabiex jippromwovu l-konsultazzjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istituzzjonijiet. Meta titressaq proposta għall-QFP ġdid jew għal reviżjoni sostanzjali, l-Istituzzjonijiet ***ser*** ifittxu li jistabbilixxu arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni u d-djalogu bejniethom tul il-proċedura kollha li twassal għall-adozzjoni tagħha.	7. F'konformità mal-Artikolu 312(5) TFUE, l-Istituzzjonijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' QFP ġdid jew reviżjoni tiegħu, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali msemmija fl-Artikolu 312(2) TFUE. Tali miżuri ***għandhom*** jinkludu***:*** ***(a)*** laqgħat regolari u skambju ta' informazzjoni bejn il-Parlament Ewropew***, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-livell politiku u tekniku matul il-proċess kollu, inkluża l-preżenza tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew f'laqgħat formali u informali tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali li fihom jiġi diskuss il-QFP;*** ***(b)*** fuq inizjattiva tal-Kummissjoni***, inkluż meta jkun mitlub mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill***, laqgħat tal-Presidenti tal-Istituzzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 324 TFUE sabiex tiġi promossa l-konsultazzjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istituzzjonijiet***;***

(c) li l-Kummissjoni tittrażmetti data u informazzjoni f'waqthom, inkluż fuq talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, u l-organizzazzjoni ta' briefings tekniċi għaż-żewġ istituzzjonijiet;

(d) negozjati trilaterali.

Meta tiġi mressqa proposta għall-QFP ġdid jew għal reviżjoni sostanzjali, l-Istituzzjonijiet ***għandhom*** ifittxu li jistabbilixxu arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni u d-djalogu bejniethom tul il-proċedura kollha li twassal għall-adozzjoni tagħha ***abbażi ta' kalendarju propost mill-Kummissjoni, inkluži b'mod partikolari l-miżuri stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.***

Meta jkun hemm dewmien fil-kalendarju msemmi fit-tieni subparagrafu li jwassal għal riskju li ma jiġi adottat l-ebda regolament tal-Kunsill li jiddetermina qafas finanzjarju ġdid sa tmiem il-qafas finanzjarju preċedenti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta pjan ta' kontinġenza lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Modifika 25

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Strument ta' Marġini Uniku	***imħassar***
9. Il-mobilizzazzjoni tal-ammonti kollha jew parti minnhom imsemmija fl-Artikolu 7(1), il-punt (c) tar-Regolament QFP ("Marġini ta' Kontinġenza") għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni wara li taċċerta li l-approprjazzjonijiet ta' impenn jew ta' pagament meħtieġa, skont il-każ, ma jistgħux jiġu ffinanzjati mod ieħor. Proposta bħal din tista' ssir b'rabta mal-abbozz ta' baġit jew mal-abbozz ta' baġit emendatorju.	
Il-Marġini ta' Kontinġenza jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.	

Modifika 26

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Riżerva ta' Solidarjetà għal Diżastri Naturali
	9a. Meta l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà għal Diżastri

	Naturali jkunu ssodisfati, għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment minn dik ir-Riżerva għal-linji baġitarji korrispondenti f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.
	Id-deċiżjoni biex jiġu mobilizzati ammonti skont l-Artikolu 8a, il-paragrafu 1, tar-Regolament QFP għandha tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.
	Qabel ma tagħmel kwalunkwe proposta għal trasferiment mir-Riżerva ta' Solidarjetà għal Diżastri Naturali għall-assistenza, il-Kummissjoni għandha teżamina l-ambitu għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet.

Modifika 27

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima A – punt 10 **–** subparagrafi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u l-Kummissjoni meta tħejji l-abbozz ta' baġit, jimpenjaw ruħhom li ma jitbegħdux b'aktar minn ***20*** % minn dak l-ammont għat-tul kollu tal-programm jew tal-istrument ikkonċernat, sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi ġodda ġustifikati, inklużi dawk marbuta ma' prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu r-riżultati miksuba mill-implimentazzjoni tal-programm u tal-istrumenti.	Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u l-Kummissjoni meta tħejji l-abbozz ta' baġit, jimpenjaw ruħhom li ma jitbegħdux b'aktar minn ***5*** % minn dak l-ammont għat-tul kollu tal-programm jew tal-istrument ikkonċernat, sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi ġodda ġustifikati, inklużi dawk marbuta ma' prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu r-riżultati miksuba mill-implimentazzjoni tal-programm u tal-istrumenti

	Kwalunkwe żieda li tirriżulta minn tali varjazzjoni għandha tibqa' taħt il-limitu massimu eżistenti għall-intestatura kkonċernata, mingħajr preġudizzju għall-użu tal-istrumenti msemmija fir-Regolament QFP u f'dan il-Ftehim.
Dan il-punt ***ma japplikax*** għal approprjazzjonijiet allokati minn qabel għal kull Stat Membru skont ir-Regolament [(UE) XXXX/XX] [Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].	Dan il-punt ***ma għandux japplika*** għal approprjazzjonijiet allokati minn qabel għal kull Stat Membru skont ir-Regolament [(UE) XXXX/XX] [Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].

Modifika 28

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima A – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	Modifika
11. Sabiex tipprovdi previżjonijiet preċiżi u affidabbli tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-atti bażiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament Finanzjarju u tal-proposti leġiżlattivi pendenti, il-Kummissjoni għandha tehmeż mal-abbozz ta' baġit ipprogrammar finanzjarju indikattiv komplut ***għall-intestaturi*** 2 u 3 tal-QFP. Dak l-ipprogrammar, strutturat skont l-intestatura, il-qasam ta' politika u l-linja baġitarja, għandu jidentifika:	11. Sabiex tipprovdi previżjonijiet preċiżi u affidabbli tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-atti bażiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament Finanzjarju u tal-proposti leġiżlattivi pendenti, il-Kummissjoni għandha tehmeż mal-abbozz ta' baġit ipprogrammar finanzjarju indikattiv komplut ***għall-Faċilità tal-UE stabbilita fir-[Regolament PSNR] u għall-programmi kollha fl-intestaturi*** 2 u 3 tal-QFP. Dak l-ipprogrammar, strutturat skont l-intestatura, il-qasam ta' politika u linja baġitarja, għandu jidentifika:
(a) l-atti bażiċi, b'distinzjoni bejn programmi pluriennali, atti legali li jistabbilixxu jew jinkarigaw b'kompiti lil aġenziji deċentralizzati, u azzjonijiet annwali:	(a) l-atti bażiċi, b'distinzjoni bejn programmi pluriennali, atti legali li jistabbilixxu jew jinkarigaw b'kompiti lil aġenziji deċentralizzati, u azzjonijiet annwali:
(1) għal programmi pluriennali, il-	(1) għal programmi pluriennali, il-

Kummissjoni għandha tindika l-proċedura li skontha jkunu ġew adottati, it-tul tal-proċedura, il-pakkett finanzjarju indikattiv totali u s-sehem allokat għan-nefqa amministrattiva;

(2) għal atti legali li jistabbilixxu jew jafdaw kompiti ġodda lil aġenziji deċentralizzati, il-Kummissjoni għandha tindika l-bażi legali li taħtha ġew adottati u tipprovdi stimi pluriennali;

(3) għal azzjonijiet annwali (relatati ma' proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji) u azzjonijiet iffinanzjati skont il-prerogattivi tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tipprovdi estimi pluriennali;

(b) proposti leġiżlattivi pendenti mill-Kummissjoni bl-aħħar aġġornament dwar l-impatt baġitarju potenzjali tagħhom inkluż, fejn meħtieġ, il-ħtieġa relatata għar-riprogrammazzjoni f'każ ta' adozzjoni.

L-ipprogrammar finanzjarju indikattiv għandu juri b'mod trasparenti r-riżervi mhux allokati u "miżuri" fi ħdan il-programmi pluriennali.

Il-Kummissjoni għandha ***tqis modi ta' kontroreferenzjar*** tal-ipprogrammar finanzjarju mal-ipprogrammar leġiżlattiv tagħha biex tipprovdi previżjonijiet aktar preċiż u affidabbli. Għal kull proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni għandha tindika jekk hijiex inkluża fl-ipprogrammar ikkomunikat fiż-żmien meta tressaq l-abbozz ta' baġit jew wara l-adozzjoni finali

Kummissjoni għandha tindika l-proċedura li skontha jkunu ġew adottati, it-tul tal-proċedura, il-pakkett finanzjarju indikattiv totali u s-sehem allokat għan-nefqa amministrattiva;

(2) għal atti legali li jistabbilixxu jew jafdaw kompiti ġodda lil aġenziji deċentralizzati, il-Kummissjoni għandha tindika l-bażi legali li taħtha ġew adottati u tipprovdi stimi pluriennali;

(3) għal azzjonijiet annwali (relatati ma' proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji) u azzjonijiet iffinanzjati skont il-prerogattivi tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tipprovdi estimi pluriennali;

(b) proposti leġiżlattivi pendenti mill-Kummissjoni bl-aħħar aġġornament dwar l-impatt baġitarju potenzjali tagħhom inkluż, fejn meħtieġ, il-ħtieġa relatata għar-riprogrammazzjoni f'każ ta' adozzjoni.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tehmeż mal-abbozz tal-baġit ipprogrammar finanzjarju indikattiv skont l-objettivi ewlenin tal-fondi b'ġestjoni kondiviża fl-intestatura 1. L-ipprogrammar finanzjarju indikattiv għandu juri b'mod trasparenti r-riżervi mhux allokati u "miżuri" fi ħdan il-programmi pluriennali.

Il-Kummissjoni għandha ***tagħmel kontroreferenza*** tal-ipprogrammar finanzjarju mal-ipprogrammar leġiżlattiv tagħha biex tipprovdi previżjonijiet aktar preċiż u affidabbli. Għal kull proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni għandha tindika jekk hijiex inkluża fl-ipprogrammar ikkomunikat fiż-żmien meta tressaq l-abbozz ta'

tal-baġit. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'mod partikolari:	baġit jew wara l-adozzjoni finali tal-baġit. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'mod partikolari:
(a) bl-atti leġiżlattivi ġodda kollha adottati u l-proposti pendenti kollha mressqa iżda mhux inklużi fl-ipprogrammar ikkomunikat fiż-żmien tal-abbozz ta' baġit jew wara l-adozzjoni finali tal-baġit (bl-ammonti korrispondenti);	(a) bl-atti leġiżlattivi ġodda kollha adottati u l-proposti pendenti kollha mressqa iżda mhux inklużi fl-ipprogrammar ikkomunikat fiż-żmien tal-abbozz ta' baġit jew wara l-adozzjoni finali tal-baġit (bl-ammonti korrispondenti);
(b) bil-leġiżlazzjoni prevista fil-programm ta' ħidma leġiżlattiva annwali tal-Kummissjoni, b'indikazzjoni dwar jekk l-azzjonijiet x'aktarx ikollhom impatt finanzjarju jew le.	(b) bil-leġiżlazzjoni prevista fil-programm ta' ħidma leġiżlattiva annwali tal-Kummissjoni, b'indikazzjoni dwar jekk l-azzjonijiet x'aktarx ikollhom impatt finanzjarju jew le.
Kull fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tindika l-ipprogrammar mill-ġdid li jirriżulta mill-proposti leġiżlattivi ġodda.	Kull fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tindika l-ipprogrammar mill-ġdid li jirriżulta mill-proposti leġiżlattivi ġodda.
L-ipprogrammar finanzjarju indikattiv għandu jiġi aġġornat wara l-adozzjoni tal-baġit sabiex jinkorpora r-riżultati tal-proċedura tal-baġit u kull deċiżjoni rilevanti oħra.	L-ipprogrammar finanzjarju indikattiv għandu jiġi aġġornat wara l-adozzjoni tal-baġit sabiex jinkorpora r-riżultati tal-proċedura tal-baġit u kull deċiżjoni rilevanti oħra. ***Dan għandu jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata għall-perjodu ta' pprogrammar kollu, spjegazzjoni dettaljata tal-bidliet li saru meta mqabbla mal-ipprogrammar finanzjarju tas-sena preċedenti u kwalunkwe devjazzjoni mill-ammont ta' referenza primarja msemmi fil-punt 10.***

Modifika 29

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima A – punt 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Djalogu dwar ir-Riżorsi Proprji
	11b. It-tliet Istituzzjonijiet se jżommu d-djalogu regolari interistituzzjonali dwar ir-Riżorsi Proprji, filwaqt li jiltaqgħu mill-anqas darba għal kull Presidenza tal-Kunsill u bi frekwenza ogħla fuq talba ta' istituzzjoni waħda.

Modifika 30

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima A – punt 11c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Wegħdiet
	11c. Qabel ma tħabbar il-wegħdiet finanzjarji b'appoġġ għal pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja u tqis il-fehmiet espressi minnha dwar dawn il-kwistjonijiet; għal kwalunkwe każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dettaljata u komprensiva, inkluż dwar is-sors ta' finanzjament għall-impenji finanzjarji, jekk ir-riżorsi eżistenti humiex qed jiġu diretti mill-ġdid jew jekk għandhomx jiġu mobilizzati riżorsi ġodda, inkluż meta jinvolvu self, jew kwalunkwe użu ta' flessibbiltajiet, riżervi jew ammonti mhux allokati b'xi mod ieħor.

Modifika 31

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima B – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
B. AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U SKEJJEL EWROPEJ	***B. DIKJARAZZJONI FINANZJARJA***

Modifika 32

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima B – punt 12 – subparagrafi 1 sa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
12. Qabel ma tressaq proposta għall-ħolqien ta' aġenzija deċentralizzata ġdida, u wara li tkun ikkunsidrat l-assenjament ***tal-impenji previsti*** lil istituzzjoni, aġenzija jew korp eżistenti, il-Kummissjoni għandha tipproduċi valutazzjoni tal-impatt tajba, kompleta u oġġettiva, filwaqt li tikkunsidra, fost oħrajn, il-massa kritika tal-persunal u tal-kompetenzi meħtieġa, aspetti ***tal-ispejjeż f'termini ta' benefiċċji***, koerenza, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-impatt fuq l-attivitajiet tal-Unjoni, u l-implikazzjonijiet baġitarji għall-intestatura ta' nefqa kkonċernata. Fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri leġiżlattivi ***li jirregolaw it-twaqqif tal-aġenzija deċentralizzata***, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jintrabtu, fil-qafas ta' kooperazzjoni baġitarja, li jilħqu ftehim f'waqtu ***dwar l-iffinanzjar tal-aġenzija proposta***.	12. Qabel ma tressaq proposta għall-ħolqien ta' aġenzija deċentralizzata ġdida, u***, meta jkun xieraq,*** wara li tkun ikkunsidrat l-assenjament ***ta' kwalunkwe impenn previst*** lil istituzzjoni, aġenzija jew korp eżistenti, il-Kummissjoni għandha tipproduċi valutazzjoni tal-impatt tajba, kompleta u oġġettiva, filwaqt li tikkunsidra, fost oħrajn, il-massa kritika tal-persunal u tal-kompetenzi meħtieġa, aspetti ***tal-kostijiet u l-benefiċċji***, koerenza, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-impatt fuq l-attivitajiet ***nazzjonali u*** tal-Unjoni, u l-implikazzjonijiet baġitarji għall-intestatura ta' nefqa kkonċernata. Fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri leġiżlattivi ***kkonċernati***, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jintrabtu, fil-qafas ta' kooperazzjoni baġitarja, li jilħqu ftehim f'waqtu.
Għandhom jiġu applikati l-passi	

proċedurali li ġejjin:

— l-ewwel nett, il-Kummissjoni għandha tressaq b'mod sistematiku kwalunkwe proposta għat-twaqqif ta' aġenzija deċentralizzata ***ġdida*** lill-ewwel trilogu baġitarju wara l-adozzjoni tal-proposta tagħha, u għandha tressaq id-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva ***għall-ħolqien tal-aġenzija deċentralizzata*** u għandha turi l-konsegwenzi tagħha għall-bqija tal-perjodu tal-ipprogrammar finanzjarju;

— it-tieni, matul il-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni għandha tassisti lil-leġiżlatur fil-valutazzjoni tal-konsegwenzi finanzjarji tal-emendi proposti; dawk il-konsegwenzi finanzjarji għandhom jitqiesu waqt ***il-passi rilevanti tal-proċedura leġiżlattiva applikabbli***;

— it-tielet, qabel il-konklużjoni tal-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni għandha tressaq dikjarazzjoni finanzjarja aġġornata li tqis l-emendi potenzjali mil-leġiżlatur; ***dik id-dikjarazzjoni finanzjarja finali għandha tiġi diskussa*** qabel ma jintlaħaq ftehim finali u ***tiġi approvata*** formalment ***mil-leġiżlatur***; għandha titqiegħed ukoll fuq l-aġenda ta' trilogu baġitarju sussegwenti (f'każijiet urġenti, f'forma simplifikata), bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-finanzjament;

— ir-raba', il-ftehim milħuq, li jqis il-valutazzjoni baġitarja tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontenut tal-proċess leġiżlattiv, għandu jiġi kkonfermat f'dikjarazzjoni konġunta; dik id-

Għandhom jiġu applikati l-passi proċedurali li ġejjin:

— l-ewwel nett, il-Kummissjoni għandha tressaq b'mod sistematiku kwalunkwe proposta għat-twaqqif ta' aġenzija deċentralizzata***,*** lill-ewwel trilogu baġitarju wara l-adozzjoni tal-proposta tagħha, u għandha tressaq id-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva u għandha turi l-konsegwenzi tagħha għall-bqija tal-perjodu tal-ipprogrammar finanzjarju;

— it-tieni, matul il-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni għandha tassisti lil-leġiżlatur fil-valutazzjoni tal-konsegwenzi finanzjarji tal-emendi proposti; dawk il-konsegwenzi finanzjarji għandhom jitqiesu waqt ***it-trilogi leġiżlattivi rilevanti***;

— it-tielet, qabel il-konklużjoni tal-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni għandha tressaq dikjarazzjoni finanzjarja aġġornata li tqis l-emendi potenzjali mil-leġiżlatur; ***il-leġiżlatur għandu jiddiskuti dik id-dikjarazzjoni finanzjarja aġġornata*** qabel ma jintlaħaq ftehim finali u ***għandu japprova*** formalment ***id-dikjarazzjoni finanzjarja finali***; ***dik id-dikjarazzjoni finanzjarja finali*** għandha titqiegħed ukoll fuq l-aġenda ta' trilogu baġitarju sussegwenti (f'każijiet urġenti, f'forma simplifikata), bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-finanzjament;

— ir-raba', il-ftehim milħuq, li jqis il-valutazzjoni baġitarja tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontenut tal-proċess leġiżlattiv, għandu jiġi kkonfermat f'dikjarazzjoni konġunta; dik id-

dikjarazzjoni konġunta għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kull wieħed minnhom f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu stess.	dikjarazzjoni konġunta għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kull wieħed minnhom f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
	Il-Kummissjoni għandha tipprovdi ħarsa ġenerali annwali konsolidata tal-bidliet kollha li jsiru fil-programmi u l-aġenziji meta mqabbla mal-linja bażi tal-QFP flimkien mal-abbozz tal-baġit.
L-istess proċedura għandha tiġi applikata għal kwalunkwe emenda għal att legali li jikkonċerna aġenzija deċentralizzata li jista' jkollha impatt fuq ir-riżorsi tal-aġenzija kkonċernata.	L-istess proċedura għandha tiġi applikata għal kwalunkwe emenda għal att legali li jikkonċerna aġenzija deċentralizzata li jista' jkollha impatt fuq ir-riżorsi tal-aġenzija kkonċernata.

Modifika 33

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3
Taqsima B – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
13. Id-dispożizzjonijiet rilevanti mill-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati ffirmata fid-19 ta' Lulju 2012 għandhom jitqiesu b'mod xieraq fil-proċedura baġitarja.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Modifika 34

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3
Taqsima B – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
14. Meta l-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jipprevedi l-ħolqien ta' skola Ewropea ġdida, ***għandha tiġi applikata***, ***mutatis mutandis***, ***proċedura simili għall-implikazzjonijiet*** baġitarji ***tagħha fuq il-baġit tal-Unjoni***.	14. ***Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** meta l-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jipprevedi ***għall-ewwel darba*** l-ħolqien ***jew l-estensjoni*** ta' skola Ewropea ġdida, ***permezz ta' rapport li jkun fih informazzjoni preliminari dwar il-ħolqien jew l-estensjoni proposti tal-iskola***, ***inklużi l-implikazzjonijiet baġitarji tagħha. Hekk kif il-Bord tal-Gvernaturi jiddeċiedi dwar il-ħolqien jew l-estensjoni ta' skola, il-Kummissjoni għandha tippreżenta t-tieni rapport li jkun fih informazzjoni aġġornata dwar l-implikazzjonijiet baġitarji tad-deċiżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Modifika 35

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima B – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
15. Fejn il-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-adozzjoni ta' att tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 tat-TFUE b'implikazzjonijiet potenzjali apprezzabbli għall-baġit tal-Unjoni, ***jistgħu*** japplikaw l-arranġamenti li ġejjin għal proċedura ta' skrutinju baġitarju bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bl-assistenza attiva tal-Kummissjoni.	15. Fejn il-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-adozzjoni ta' att tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 tat-TFUE b'implikazzjonijiet potenzjali apprezzabbli għall-baġit tal-Unjoni, ***għandhom*** japplikaw l-arranġamenti li ġejjin għal proċedura ta' skrutinju baġitarju bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bl-assistenza attiva tal-Kummissjoni.

Modifika 36

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima B – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
16. Il-Kummissjoni ***ser*** takkumpanja kwalunkwe proposta għal att tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 tat-TFUE bħal din b'valutazzjoni tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-att legali propost u ***ser*** tindika jekk l-att inkwistjoni jistax, fil-fehma tagħha, ikollu implikazzjonijiet apprezzabbli għall-baġit tal-Unjoni. Abbażi ta' dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu li tinbeda l-proċedura.	16. Il-Kummissjoni ***għandha*** takkumpanja kwalunkwe proposta għal att tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 tat-TFUE bħal din b'valutazzjoni tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-att legali propost u ***għandha*** tindika jekk l-att inkwistjoni jistax, fil-fehma tagħha, ikollu implikazzjonijiet apprezzabbli għall-baġit tal-Unjoni. Abbażi ta' dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu li tinbeda l-proċedura.
Il-proċedura ***ser issir*** f'Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-livell xieraq. Il-Kummissjoni ***ser*** tipparteċipa fil-ħidma tal-Kumitat Konġunt.	Il-proċedura ***għandha ssir*** f'Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-livell xieraq. Il-Kummissjoni ***għandha*** tipparteċipa fil-ħidma tal-Kumitat Konġunt.
Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ***ser*** jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv bil-ħsieb li jfittxu fehim konġunt tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-att legali previst b'konsiderazzjoni xierqa tal-urġenza tal-kwistjoni.	Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ***għandhom*** jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv bil-ħsieb li jfittxu fehim ***bil-miktub*** konġunt tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-att legali previst b'konsiderazzjoni xierqa tal-urġenza tal-kwistjoni.
Il-proċedura għandha ssir matul perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn***, sakemm l-att inkwistjoni ma jkunx irid*** jiġi adottat qabel ***data speċifika*** jew***, jekk*** l-urġenza tal-kwistjoni hekk teħtieġ, ***f'limitu ta' żmien iqsar stabbilit mill-Kunsill***.	Il-proċedura għandha ssir matul perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn ***mid-data li fiha tinbeda. Meta jkun meħtieġ li l-att inkwistjoni*** jiġi adottat qabel ***it-tmiem ta' dak il-perjodu ta' xahrejn*** jew ***meta*** l-urġenza tal-kwistjoni hekk teħtieġ, ***il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jqassru dak***

	il-perjodu bi qbil komuni.

Modifika 37

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3
Taqsima B – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
A. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT, PAGAMENTI ***U*** IMPENJI PENDENTI (RESTE À LIQUIDER, RAL)	A. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT, PAGAMENTI***,*** IMPENJI PENDENTI (RESTE À LIQUIDER, RAL) ***U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI***

Modifika 38

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3
Taqsima A – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
19. ***Minħabba l-ħtieġa*** li jiġi żgurat li jsir progress ordnat tal-approprjazzjonijiet totali ta' pagament b'rabta mal-approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex jiġi evitat kwalunkwe ċaqliq anormali ta impenji pendenti (RAL), l-Istituzzjonijiet jaqblu li jissorveljaw mill-qrib ***il-previżjonijiet tal-pagamenti*** u ***l-livell tar-RAL*** sabiex ***jitnaqqas*** ir-riskju li ***tiġi ostakolata*** l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' ***pagamenti*** fi tmiem il-QFP.	19. ***Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun kapaċi tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha li jirriżultaw minn impenji eżistenti u futuri f'konformità mal-Artikolu 323 tat-TFUE u bil-ħsieb*** li jiġi żgurat li jsir progress ordnat tal-approprjazzjonijiet totali ta' pagament b'rabta mal-approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex jiġi evitat kwalunkwe ċaqliq anormali ta impenji pendenti (RAL), l-Istituzzjonijiet jaqblu li jissorveljaw mill-qrib ***l-operazzjonijiet ta' teħid*** u ***ta' għoti b'self u l-obbligazzjonijiet kontinġenti u,*** sabiex ***jiġi mmitigat*** ir-riskju li ***titfixkel*** l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' ***pagament*** fi tmiem il-QFP***, il-previżjonijiet tal-pagamenti u***
Matul il-proċedura baġitarja, l-Istituzzjonijiet għandhom	

jiltaqgħu b’mod regolari bil-ħsieb li jivvalutaw b’mod konġunt is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti għall-implimentazzjoni baġitarja fis-sena finanzjarja attwali u fis-snin finanzjarji futuri. Dik il-valutazzjoni għandha tieħu l-forma ta’ laqgħat interistituzzjonali ddedikati fil-livell xieraq, li qabilhom il-Kummissjoni għandha tipprovdi, ***kif xieraq, is-sitwazzjoni attwali*** tal-implimentazzjoni tal-pagamenti, dwar it-talbiet għall-pagament riċevuti u l-previżjonijiet riveduti, inklużi previżjonijiet fit-tul, fejn applikabbli, kif ukoll informazzjoni ***rilevanti*** dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti.	***l-livell tar-RAL***. Matul il-proċedura baġitarja, l-Istituzzjonijiet għandhom jiltaqgħu b’mod regolari bil-ħsieb li jivvalutaw b’mod konġunt is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti ***għat-teħid u għall-għoti b’self u l-obbligazzjonijiet kontinġenti u*** għall-implimentazzjoni baġitarja fis-sena finanzjarja attwali u fis-snin finanzjarji futuri. Dik il-valutazzjoni għandha tieħu l-forma ta’ laqgħat interistituzzjonali ddedikati fil-livell xieraq, li qabilhom il-Kummissjoni għandha tipprovdi, ***sitwazzjoni attwali dettaljata*** tal-implimentazzjoni tal-pagamenti, dwar ***it-trasferimenti,*** it-talbiet għall-pagament riċevuti u l-previżjonijiet riveduti, inklużi previżjonijiet fit-tul, fejn applikabbli, kif ukoll informazzjoni ***sħiħa*** dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti ***u l-kopertura baġitarja korrispondenti, inklużi tbassir fit-tul, metodoloġiji, u aġġornamenti dwar it-teħid u l-għoti b’self***.

Modifika 39

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3
Taqsima B – punt 20 – subparagrafi 2 sa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Il-Kummissjoni timpenja ruħha li żżomm lill-Parlament Ewropew informat regolarment dwar it-tħejjija, it-tmexxija u t-tlestija tan-negozjati dwar in-negozjati dwar is-sajd, inklużi l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom.	Il-Kummissjoni timpenja ruħha li żżomm lill-Parlament Ewropew informat regolarment dwar it-tħejjija, it-tmexxija u t-tlestija tan-negozjati dwar in-negozjati dwar is-sajd, inklużi l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom.
Matul il-proċedura leġiżlattiva	Matul il-proċedura leġiżlattiva

relatata ma’ ftehimiet dwar is-sajd, l-Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-proċeduri kollha jitwettqu kemm jista’ jkun malajr.	relatata ma’ ftehimiet dwar is-sajd, l-Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-proċeduri kollha jitwettqu kemm jista’ jkun malajr***, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ ir-regoli interni ta’ kull istituzzjoni.***
	Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħiliha biex tlesti fil-ħin in-negozjati rigward ftehimiet ġodda dwar is-sajd jew rigward it-tiġdid ta’ ftehimiet dwar is-sajd, sabiex tevita li jiġu applikati b’mod proviżorju l-protokolli sakemm il-Parlament Ewropew ikun għadu ma tax l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehimiet jew tal-protokolli.
L-ammonti previsti fil-baġit għal ftehimiet ġodda dwar is-sajd jew għat-tiġdid ta’ ftehimiet dwar is-sajd li mistennija li jidħlu fis-seħħ ***jew japplikaw proviżjonament*** wara l-1 ta’ Jannar tas-sena finanzjarja kkonċernata għandhom jiġu inklużi fil-linja baġitarja operazzjonali ewlenija.	L-ammonti previsti fil-baġit għal ftehimiet ġodda dwar is-sajd jew għat-tiġdid ta’ ftehimiet dwar is-sajd li mistennija li jidħlu fis-seħħ wara l-1 ta’ Jannar tas-sena finanzjarja kkonċernata għandhom jiġu inklużi fil-linja baġitarja operazzjonali ewlenija.
L-ammonti previsti fil-baġit għal ftehimiet ġodda dwar is-sajd jew għat-tiġdid ta’ ftehimiet dwar is-sajd li jidħlu fis-seħħ ***jew japplikaw proviżjonament*** wara l-1 ta’ Jannar tas-sena finanzjarja kkonċernata għandhom jitpoġġew fir-riżerva.	L-ammonti previsti fil-baġit għal ftehimiet ġodda dwar is-sajd jew għat-tiġdid ta’ ftehimiet dwar is-sajd li jidħlu fis-seħħ wara l-1 ta’ Jannar tas-sena finanzjarja kkonċernata għandhom jitpoġġew fir-riżerva.

Modifika 40

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3
Taqsima C – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
22. L-ammont totali tan-nefqa operattiva tal-PESK għandu jiddaħħal kollu kemm hu f’kapitolu wieħed tal-baġit,	22. L-ammont totali tan-nefqa operattiva tal-PESK għandu jiddaħħal kollu kemm hu f’kapitolu wieħed tal-baġit,

intitolat PESK. Dak l-ammont għandu jkopri l-bżonnijiet reali prevedibbli, evalwati fil-qafas tal-istabbiliment tal-abbozz tal-baġit, fuq il-bażi ta' tbassir imħejji kull sena mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ("ir-Rappreżentant Għoli"). Għandu jitħalla marġni raġonevoli biex ikopri azzjonijiet mhux previsti. ***L-ebda fondi ma jistgħu jiddaħħlu f'riżerva.***

intitolat PESK. Dak l-ammont għandu jkopri l-bżonnijiet reali prevedibbli, evalwati fil-qafas tal-istabbiliment tal-abbozz tal-baġit, fuq il-bażi ta' tbassir imħejji kull sena mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ("ir-Rappreżentant Għoli"). Għandu jitħalla marġni raġonevoli biex ikopri azzjonijiet mhux previsti.

Modifika 41

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3
Taqsima C – punt 24 – subparagrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
24. Kull sena, ir-Rappreżentant Għoli għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar dokument li jħares 'il quddiem li għandu jiġi trażmess sal-15 ta' Ġunju tas-sena inkwistjoni, u jistabbilixxi aspetti ewlenin u għażliet bażiċi tal-PESK, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, evalwazzjoni tal-miżuri mnedija fis-sena n-1 u valutazzjoni tal-koordinazzjoni u kumplimentarjetà tal-PESK mal-istrumenti finanzjarji esterni l-oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-Rappreżentant Għoli għandu ***jinforma*** b'mod regolari lill-Parlament Ewropew ***billi jorganizza laqgħat konġunti ta' konsultazzjoni mill-anqas tliet darbiet fis-sena,*** fil-qafas tad-djalogu politiku regolari dwar il-PESK, ***li għandu jkun miftiehem mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru ta' kull sena. Il-parteċipazzjoni f'dawk***	24. Kull sena, ir-Rappreżentant Għoli għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar dokument li jħares 'il quddiem li għandu jiġi trażmess sal-15 ta' Ġunju tas-sena inkwistjoni, u jistabbilixxi aspetti ewlenin u għażliet bażiċi tal-PESK, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, evalwazzjoni tal-miżuri mnedija fis-sena n-1 u valutazzjoni tal-koordinazzjoni u kumplimentarjetà tal-PESK mal-istrumenti finanzjarji esterni l-oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-Rappreżentant Għoli għandu ***jżomm informat*** b'mod regolari lill-Parlament Ewropew fil-qafas tad-djalogu ***finanzjarju u*** politiku regolari dwar il-PESK, ***kif stabbilit fil-punt 24a***.

il-laqgħat għandha tiġi determinata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament, filwaqt li jitqiesu l-objettiv u n-natura tal-informazzjoni skambjata f'dawk il-laqgħat.

Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna tipparteċipa f'dawk il-laqgħat.

Modifika 42

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3
Taqsima C – punt 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	24a. Id-djalogu finanzjarju u politiku regolari dwar il-PESK għandu jikkonċerna l-attivitajiet kollha tal-Unjoni li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitolu tal-PESK, u b'mod partikolari dawk li jinvolvu nefqa jew obbligazzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-Unjoni. Dan għandu jsir mill-anqas ħames darbiet fis-sena, u għandu jintlaħaq qbil dwaru sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru tas-sena n-1. Fil-kuntest ta' dan id-djalogu, ir-Rappreżentant Għoli għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 36 tat-TUE kif deskritt fil-punti 22, 23 u 24 ta' dan il-Ftehim u għandu jiżgura li l-fehmiet tiegħu jitqiesu kif xieraq. Id-djalogu jista' jinvolvi Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea jew, meta jkun xieraq, Kummissarji. Dan għandu jsir f'konformità mar-regoli dwar is-sigurtà applikabbli għall-iskambju ta' informazzjoni.

Modifika 43

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti IV (ġdida)
KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI DWAR IL-KUNDIZZJONALITÀ TAL-ISTAT TAD-DRITT

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI DWAR IL-KUNDIZZJONALITÀ TAL-ISTAT TAD-DRITT
	Parti A. Kooperazzjoni
	25 (ġdid). Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament u lill-Kunsill b'aċċess sistematiku, f'waqtu, strutturat u sigur għall-informazzjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u ta' regoli oħra relatati mal-Karta tad-drittijiet fundamentali u l-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt inklużi:
	a. in-notifika bil-miktub mibgħuta lill-Istati Membri;
	b. kwalunkwe talba għal informazzjoni addizzjonali;
	c. il-korrispondenza bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri;
	d. osservazzjonijiet u rapporti li jipprovdu l-Istati Membri;
	e. id-dokumenti interni kollha li fihom analiżijiet legali, valutazzjonijiet jew dokumenti rilevanti oħra tal-Kummissjoni – inkluża informazzjoni rilevanti li tkun irċeviet il-Kummissjoni mingħand ir-riċevituri finali – li jwasslu għall-adozzjoni ta' miżuri, l-estensjoni, il-modifika jew it-tneħħija tal-miżuri jew il-fatt li ma jibdewx il-proċeduri applikabbli.
	26. (ġdid) Għandu jintlaħaq qbil dwar kanal ta' komunikazzjoni sigur biex tiġi

ssalvagwardjata l-kunfidenzjalità, kull fejn meħtieġ.

Parti B Konsultazzjoni u Djalogu

27. (ġdid) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel ma l-Kummissjoni tippreżenta kwalunkwe proposta għall-adozzjoni, l-estensjoni, il-modifika jew it-tneħħija tal-miżuri, u tqis il-fehmiet espressi f'dan il-kuntest.

28. Il-Kummissjoni għandha torganizza djalogi strutturati kull tliet xhur mal-kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew biex tiggarantixxi fluss ta' informazzjoni f'ħin reali u ssaħħaħ is-sorveljanza demokratika.

29. L-Istituzzjonijiet għandhom isejħu laqgħat regolari ta' livell għoli biex itejbu l-koordinazzjoni rigward is-sett ta' għodod tal-istat tad-dritt.

Parti C. Trasparenza u Rapportar Annwali

30. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill inventarju annwali konsolidat tad-deċiżjonijiet kollha relatati mal-kundizzjonalità fl-intestaturi baġitarji fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali;

Modifika 44

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti A – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	1a. Sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jeżerċitaw il-prerogattivi baġitarji tagħhom b'mod effettiv, il-pożizzjonijiet baġitarji, it-trasferimenti jew notifiki oħra li jinvolvu l-attivazzjoni ta' skadenzi għandhom jiġu ppreżentati billi jqisu b'mod xieraq kwalunkwe perjodu ta' waqfien li dawk l-Istituzzjonijiet ikunu infurmaw lil xulxin fi żmien xieraq dwar id-dati tagħhom permezz tas-servizzi rispettivi tagħhom.

Modifika 45

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti B – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
2. Fi żmien xieraq qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' baġit mill-Kummissjoni, għandu jissejjaħ trilogu baġitarju biex jiġu diskussi l-prijoritajiet ta' finanzjament għall-baġit tas-sena finanzjarja li jmiss. Id-diskussjonijiet ***ser*** iqisu l-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni identifikati ***mill-Istituzzjonijiet fid-dokumenti*** rilevanti u ***ser ikollhom*** l-għan li jinfurmaw il-proċedura baġitarja u jesploraw kif il-prijoritajiet jistgħu jiġu riflessi bl-aħjar mod fil-baġit li jmiss.	2. Fi żmien xieraq qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' baġit mill-Kummissjoni, għandu jissejjaħ trilogu baġitarju biex jiġu diskussi l-prijoritajiet ta' finanzjament ***possibbli*** għall-baġit tas-sena finanzjarja li jmiss. Id-diskussjonijiet ***għandhom*** iqisu l-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni identifikati ***mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, bħala l-awtorità baġitarja, fi kwalunkwe dokument*** rilevanti u ***għandu jkollhom*** l-għan li jinfurmaw il-proċedura baġitarja u jesploraw kif il-prijoritajiet

jistgħu jiġu riflessi bl-aħjar mod fil-baġit li jmiss.

Modifika 46

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti D – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
13. Jista' jitlaqqa' trilogu baġitarju qabel il-votazzjoni fil-plenarja tal-Parlament Ewropew.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Modifika 47

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti E – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
15. Jekk il-Kunsill ma jkunx jista' jaqbel dwar l-emendi kollha adottati mill-Parlament Ewropew, għandu jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu permezz ta' ittra mibgħuta qabel l-ewwel laqgħa prevista matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni. F'dak il-każ, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jipproċedi f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti li ġejjin ta' dan l-Anness.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

°
° °

130. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Anness I: Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar iċ-ċifri (prezzijiet attwali u prezzijiet kostanti tal-2025) minbarra l-kost tas-servizz tad-dejn tan-Next Generation EU

miljuni ta’ EUR - prezzijiet attwali b’deflatur ta’ 2 %								
APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN	**2028**	**2029**	**2030**	**2031**	**2032**	**2033**	**2034**	**Total 2028-2034**
1. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, agrikoltura u żvilupp rurali, affarijiet marittimi, prosperità u sigurtà	**155.131**	**152.647**	**149.516**	**146.740**	**143.070**	**129.536**	**120.725**	**997.366**
2. Kompetittività, prosperità u sigurtà	**74.825**	**90.966**	**93.066**	**97.694**	**99.148**	**101.491**	**102.507**	**659.697**
3. Ewropa Globali	**27.300**	**27.936**	**28.438**	**34.023**	**39.758**	**40.516**	**41.288**	**239.259**
4. Amministrazzjoni	**14.945**	**15.584**	**16.281**	**16.870**	**17.466**	**18.062**	**18.669**	**117.877**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN	**272.201**	**287.134**	**287.301**	**295.327**	**299.442**	**289.605**	**283.189**	**2.014.198**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIET TA’ PAGAMENT	**271.032**	**305.040**	**300.920**	**296.118**	**279.007**	**275.902**	**267.875**	**1.995.894**
miljuni ta’ EUR - prezzijiet tal-2025								
APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN	**2028**	**2029**	**2030**	**2031**	**2032**	**2033**	**2034**	**Total 2028-2034**
1. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, agrikoltura u żvilupp rurali, affarijiet marittimi, prosperità u sigurtà	**146.152**	**140.992**	**135.392**	**130.273**	**124.525**	**110.534**	**100.996**	**888.864**
2. Kompetittività, prosperità u sigurtà	**70.508**	**84.037**	**84.291**	**86.747**	**86.312**	**86.619**	**85.771**	**584.288**

3. Ewropa Globali	**25.727**	**25.810**	**25.758**	**30.214**	**34.615**	**34.583**	**34.551**	**211.260**
4. Amministrazzjoni	**14.083**	**14.397**	**14.746**	**14.980**	**15.205**	**15.415**	**15.621**	**104.449**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	**256.472**	**265.237**	**260.189**	**262.215**	**260.657**	**247.151**	**236.939**	**1.788.861**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIET TA' PAGAMENT	**255.399**	**281.809**	**272.552**	**262.944**	**242.892**	**235.479**	**224.145**	**1.775.220**

Anness II: Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tqassim skont il-programm

Biljuni ta’ EUR – Approprjazzjonijiet ta’ impenn (prezzijiet attwali)	**Proposta tal-QFP**	**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew (1,27 % tal-ING, minbarra r-ripagament tan-Next Generation EU)**	**Bidla nominali**
Qafas Finanzjarju Pluriennali	**1816,89**	**2014,20**	**197,30**
Intestatura 1: Mudell soċjali u kwalità tal-ħajja tal-Ewropa, minbarra n-Next Generation EU	894,22	997,37	103,15
Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà	865,08	972,86	107,79
Il-PAK	*293,70*	*433,01*	*139,31*
li minnhom Appoġġ għall-introjtu	*293,70*	*320,30*	*26,60*
Żoni rurali	*0,00*	*106,41*	*106,41*
*Xibka ta’ Sikurezza fl-Għaqda**	*6,30*	*6,30*	*0,00*
POSEI (li għandu jitqiegħed taħt il-PAK)	*0,00*	*7,33*	*7,33*
Sajd	*2,00*	*7,29*	*5,29*
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, inkluż għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) u l-Fond ta’ Koeżjoni	*228,06*	*306,93*	*78,87*
li minnhom FEŻR	*183,15*	*248,37*	*65,23*
FK	*34,65*	*46,99*	*12,34*
Interreg	*10,26*	*11,57*	*1,30*
Fond Soċjali Ewropew	*0,00*	*124,19*	*124,19*
*Migrazzjoni – Ażil, migrazzjoni u integrazzjoni***	*11,98*	*13,31*	*1,34*
*Migrazzjoni – Ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni dwar il-viżi***	*15,40*	*17,12*	*1,72*
*Migrazzjoni – Sigurtà interna***	*6,84*	*7,61*	*0,76*
*Faċilità tal-UE****	*65,63*	*56,08*	*-9,56*
Mhux delimitati fil-PSNR	*235,17*	*0,00*	*-235,17*
Appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta Torka	0,44	0,49	0,05

Aġenziji deċentralizzati	22,89	22,89	0,00
Marġnijiet	5,82	1,13	-4,69

* L-ammont ta’ EUR 6,3 biljun li jikkorrispondi għax-Xibka ta’ Sikurezza fl-Għaqda huwa kkunsidrat taħt il-PAK
** Total għall-fondi tal-Affarijiet Interni: EUR 38,04 biljun
*** mingħajr ma titqies ix-Xibka ta’ Sikurezza fl-Għaqda

Biljuni ta’ EUR – Approprjazzjonijiet ta’ impenn (prezzijiet attwali)	**Proposta tal-QFP**	**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew (1,27 % tal-ING, minbarra r-ripagament tan-Next Generation EU)**	**Bidla nominali**
Intestatura 2: Kompetittività, prosperità u sigurtà	**589,59**	**659,70**	**70,10**
Fond Ewropew għall-Kompetittività	234,30	264,35	30,05
li minnhom Azzjonijiet tal-programm LIFE	*0,00*	*3,39*	*3,39*
Azzjonijiet tal-programm “l-UE għas-Saħħa”	*0,00*	*10,05*	*10,05*
Orizzont Ewropa	175,00	200,00	25,00
EURATOM/ITER	9,79	9,79	0,00
INSC-D (Strument għall-Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari – Dekummissjonar)	0,97	0,97	0,00
Il-Programm Ignalina	0,68	0,68	0,00
FNE (Trasport, Enerġija, Mobbiltà Militari)	81,43	91,29	9,86
Il-Programm tas-Suq Uniku u d-Dwana	6,24	6,87	0,63
Pericles (protezzjoni tal-Euro)	0,01	0,01	0,00
Erasmus+	40,83	47,39	6,56
AgoraEU	8,58	10,72	2,14
UCPM+ (Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u t-tħejjija għas-saħħa)	10,68	12,42	1,74
Ġustizzja	0,80	0,89	0,09
Aġenziji deċentralizzati	9,80	9,80	0,00
Azzjonijiet oħra, prerogattivi	2,49	2,49	0,00
Marġnijiet	8,01	2,03	-5,98
Intestatura 3: Ewropa Globali	**215,20**	**239,26**	**24,06**
Ewropa Globali	200,31	225,00	24,69

Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni	3,37	3,76	0,39
Pajjiżi u territorji extra-Ewropej inkluża Greenland	1,00	2,08	1,09
Ftehimiet ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs)	1,33	1,69	0,36
Azzjonijiet oħra, prerogattivi	1,12	1,12	0,00
Marġnijiet	8,07	5,59	-2,48
Intestatura 4: Amministrazzjoni	**117,88**	**117,88**	**0,00**

Biljuni ta’ EUR – Approprjazzjonijiet ta’ impenn (prezzijiet kostanti tal-2025)	**Proposta tal-QFP**	**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew (1,27 % tal-ING, minbarra r-ripagament tan-Next Generation EU)**	**Bidla nominali**
Qafas Finanzjarju Pluriennali	**1613,75**	**1788,86**	**175,11**
Intestatura 1: Mudell soċjali u kwalità tal-ħajja tal-Ewropa, minbarra n-Next Generation EU	797,08	888,86	91,78
Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà	771,29	867,19	95,90
Il-PAK	*261,01*	*385,12*	*124,11*
li minnhom Appoġġ għall-introjtu	*261,01*	*284,65*	*23,64*
Żoni rurali	*0,00*	*94,88*	*94,88*
*Xibka ta’ Sikurezza fl-Għaqda**	*5,60*	*5,60*	*0,00*
POSEI (li għandu jitqiegħed taħt il-PAK)	*0,00*	*6,50*	*6,50*
Sajd	*1,77*	*6,50*	*4,73*
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, inkluż għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) u l-Fond ta’ Koeżjoni	*203,72*	*274,34*	*70,62*
li minnhom FEŻR	*163,71*	*222,00*	*58,29*

FK	*30,97*	*42,00*	*11,03*
Interreg	*9,04*	*10,34*	*1,30*
Fond Soċjali Ewropew	*0,00*	*110,73*	*110,73*
*Migrazzjoni – Ażil, migrazzjoni u integrazzjoni***	*10,70*	*11,90*	*1,20*
*Migrazzjoni – Ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni dwar il-viżi***	*13,76*	*15,30*	*1,54*
*Migrazzjoni – Sigurtà interna***	*6,12*	*6,80*	*0,68*
*Faċilità tal-UE****	*58,40*	*50,00*	*-8,40*
Mhux delimitati fil-PSNR	*210,20*	*0,00*	*-210,20*
Appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta Torka	0,39	0,43	0,04
Aġenziji deċentralizzati	20,24	20,24	0,00
Marġnijiet	5,16	1,00	-4,16

* L-ammont ta’ EUR 5,6 biljun li jikkorrispondi għax-Xibka ta’ Sikurezza fl-Għaqda huwa kkunsidrat taħt il-PAK
** Total għall-fondi tal-Affarijiet Interni: EUR 34,0 biljun
*** mingħajr ma titqies ix-Xibka ta’ Sikurezza fl-Għaqda

Biljuni ta’ EUR – Approprjazzjonijiet ta’ impenn (prezzijiet kostanti tal-2025)	**Proposta tal-QFP**	**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew (1,27 % tal-ING, minbarra r-ripagament tan-Next Generation EU)**	**Bidla nominali**
Intestatura 2: Kompetittività, prosperità u sigurtà	**522,21**	**584,29**	**62,08**
Fond Ewropew għall-Kompetittività	207,40	234,00	26,60
li minnhom Azzjonijiet tal-programm LIFE	*0,00*	*3,00*	*3,00*
Azzjonijiet tal-programm “l-UE għas-Saħħa”	*0,00*	*8,90*	*8,90*
Orizzont Ewropa	154,88	177,01	22,13
EURATOM/ITER	8,71	8,71	0,00
INSC-D (Strument għall-Kooperazzjoni fil-qasam tas-	0,85	0,85	0,00

Sikurezza Nukleari – Dekummissjonar)			
Il-Programm Ignalina	0,60	0,60	0,00
FNE (Trasport, Enerġija, Mobbiltà Militari)	72,25	81,00	8,75
Il-Programm tas-Suq Uniku u d-Dwana	5,54	6,10	0,56
Pericles (protezzjoni tal-Euro)	0,01	0,01	0,00
Erasmus+	36,19	42,00	5,81
AgoraEU	7,61	9,50	1,89
UCPM+ (Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u t-tħejjija għas-saħħa)	9,46	11,00	1,54
Ġustizzja	0,71	0,79	0,08
Aġenziji deċentralizzati	8,69	8,69	0,00
Azzjonijiet oħra, prerogattivi	2,23	2,23	0,00
Marġnijiet	7,09	1,80	-5,29
Intestatura 3: Ewropa Globali	**190,02**	**211,26**	**21,24**
Ewropa Globali	176,83	198,63	21,80
Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni	2,99	3,34	0,35
Pajjiżi u territorji extra-Ewropej inkluża Greenland	0,89	1,85	0,96
Ftehimiet ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs)	1,18	1,50	0,32
Azzjonijiet oħra, prerogattivi	1,01	1,01	0,00
Marġnijiet	7,13	4,94	-2,19
Intestatura 4: Amministrazzjoni	**104,45**	**104,45**	**0,00**